# EUROPA TOURS

## *Festive season*

2026-2027



31 St Anne Street, Floriana • Tel: 2125 0526, 2124 3562

www.europatours.org




**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | on request |
| Kamra ta' żewġ persuni | €860 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,160 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | on request |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mar-Ryanair għal Cologne
- 20kgs Bagalja
- Eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 lljieli - **Dorint Hotel An Heumarkt - 4 star**
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**GRUPP A: 30 TA' NOV – 04 TA' DIĊEMBRU**
**GRUPP B: 14 - 18 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Cologne, Aachen, Rudesheim am Rhein u Bonn**

**It-Tnejn**
Niltaqgħu l-ajruport fit-08:00 għall-flight FR3462 lejn Cologne li ttir fl'10:15 u naslu fis-13:05. Transfer lejn iċ-ċentru ta' Cologne u check in fid-**Dorint Hotel An Heumarkt – 4 Stars** li qegħda fiċ-ċentru ta' Cologne**.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu l-gmiel ta'din il-belt u l-christmas markets.

**It-Tlieta**
Breakfast u eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Aachen**, belt sabiħa mimlija storja. Ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet ta'nteress bħall-katidral u l-funtana Elisenbrunnen, waqt li ngħaddu mit-toroq sbieħ mimlija kafetteriji u ġelateriji li mhux facli tirrezisti! Wara jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu wkoll is-swieq tal-Milied tipiċi Ġermaniżi, fejn insibu nixtru dekorazzjonijiet tal-Milied maħduma bl-idejn, ma jonqsux l-irwejjaħ tal- aromi tal-qastan u nbid sħun. Nirritornaw Cologne, dawra mat-tour leader biex naraw postijiet ta'nteress u ngawdu flimkien 'Christmas Markets' tassew sbieħ f'atmosfera mil- aqwa.

**L-Erbgħa**
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna fil-**Loreley Valley** u l-villaġġi ħelwin ta' **Kobenz** u **Rudesheim am Rhein**. Ngħaddu minn qalb xenarju mill-isbaħ fuq iż-żewġt iġnub tax-xmara Rhine. Flimkien mat-tour leader naraw iċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq, ir-Rathaus, Munzplatz u l-Liebfrauenkirche. Inkomplu lejn Rudesheim am Rhein**,** belt antika fuq ir-Rhine li tinsab fin-nofsinhar ta' Koblenz. Mal-wasla tagħna f'Rudehseimam Rhein inżuru l-Marktplatz, l-Adlerturm (Eagle Tower) u Drosselgasse – triq mimlija b' ħafna ħwienet żgħar tal-inbid, pubs u minn fejn nistgħu nduqu r-Rudesheimer Kaffee', inzuru wkoll il-Christmas Market li l-Ġermanja hi tant magħrufa għalihom.

**Il-Ħamis**
Illum noffrulkom eskursjoni ta'nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bonn** fejn naraw postijiet ta'nteress bhal Market Square, Town Hall, Minister Church li hu landmark tal-belt. Il-famuż kompożitur Ludwig Van Beethoven twieled fil-belt ta' Bonn. Nirritornaw Cologne fejn mit-triq famuża ta' Schildagasse u Hohe Strabe nistgħu nżuru l-famuż Christmas Market ta' l-istess lokal fejn miljuni ta' turisti minn madwar id-dinja jiġu għal din l-okkażjoni. Naraw għadd ta' stalls jbiegħu Christmas decorations, Christmas balconies, glassblowers handcrafts, eċċ. Sintendi ma tonqosx l-aroma tal-mulled wine, chestnut, gingerbread u l-famuż bratwurst. Nirritornaw lura Cologne biex inkomplu ngawdu din il-belt.



**Il-Ġimgħa**
Breakfast u transfer lejn l-ajruport tal Cologne għat-titjira FR 5205 li ttir fit-12:10 u naslu lura Malta fil-14:55.

# The Viennese Christmas Markets with a touch of Slovakia
# Vienna



**GRUPP A: 30 TA' NOV – 04 TA' DIĊEMBRU**
**GRUPP B: 14 - 18 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Vienna, Melk, Wachau, Schonbrunn Palace, Krems, Durstein u Bratislava**

**It-Tnejn**
Niltaghu l-ajruport ta' Malta fit-06:45 għat-titjira KM 514 li ttir fil-09:25 u naslu **Vienna** fit-11:45 Wara transfer bil-coach lejn il-belt ta' Vienna il-belt tal-valzi u l-kapitali ta' l-Awstrija.nifqu ħdejn il-Palazz ta' Schonbrunn biex naraw il ġonna u l-famuż Christmas market. Ħin liberu u nkomplu lejn il ghaċ-check-in fil-Hotel Ananas 4- Stars. Aktar tard għal min irid jinghaqad mat tour leader biex tibdew tiskopru din il-belt meraviljuża

**It-Tlieta**
Breakfast u llum ser tkun ġurnata sabiħa f'**Graz**. Nibdew b'walking tour fiċ-ċentru storiku tal-belt, li huwa mimli toroq sbieħ u arkitettura antika. It-tour jibda mill-Hauptplatz, fejn nistgħu naraw il-pjazza prinċipali u l-bini storiku madwarna, u mbagħad inkompli nimxu minn toroq dojoq u kwieti li jwassluna għal postijiet importanti bħall-Graz Cathedral u l-Mausoleum ta' Ferdinand II. Wara, għal min irid, nitilgħu Schlossberg jew nieħdu l-funikular biex naraw veduta mill-isbaħ tal-belt kollha. Wara jkun hemm ħin liberu biex niklu xi ħaġa tajba tipika Awstrijaka u nagħmlu ftit shopping. Nirritornaw lura Vienna u jkollna ħin liberu.

**L-Erbgħa**
Breakfast u nibdew il-ġurnata tagħna b'dawra mal belt ta' Vienna biex inżuru ser naraw postijiet ta' nteress fosthom l-**Opera House, Parliament House, St Stephen's Cathedral, Xmas Market** eċċ. Wara jkollna ħin liberu għal ikel biex tkomplu tgawdu din il-belt tant sabiħa. Vjenna għandha bosta swieq tal-Milied affaxxinanti, kull wieħed b'karattru uniku tiegħu. L-iktar popolari huwa l-Christkindlmarkt f'Rathausplatz, suq tradizzjonali b'aktar minn 150 stall li joffru kollox minn artiġjanat sa ħelu Awstrijak.Nirritornaw lura l- hotel.

**Il-Ħamis**
Buffet breakfast. Illum excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Bratislava**, il-belt kapitali ta' **Slovakia**. Niskopru din il-belt fuq ix-xmara Danube billi nżuru l-**Kastell** li jiddomina l-belt, panorama mill-isbaħ. Wara mmorru ċ-ċentru storiku mimli bini maestuż bħal Main Square, Frantesztan Square eċċ. Hin liberu għal ikel u għal dawra sabiħa mal Xmas Market.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €835 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €860 |
| Kamra ta' persuna waħda | €995 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €730 |
| Half Board Suppliment (4 ikliet) | €125 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta- Vienna- Malta mal-KM Malta Air
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- 4 Iljieli – **Hotel Ananas 4 Star.**
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet skond il-programm
- Taxxi tal Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*



**Il-Ġimgħa**
Buffet breakfast u wara eskursjoni mill-iżjed interessanti ta' ġurnata għal **Wachau Valley** fejn se naraw għadd ta' villaġġi żgħar storiċi u tradizzjonali. Mhux hekk biss. Naraw ukoll kastelli u xenarji fantastiċi ta' muntanji żgħar u x-xmara Danube. Inżuru **Krems** li għandu storja ta' iżjed minn 1000 sena, **Dürnstein** bid-djar u t-toroq antiki tiegħu u **Melk** bil-famuż monasteru **Benedittin** mibni fuq stil Barokk (Ent. extra). Fl-16:00 Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Vienna għat-titjira KM517 li titlaq fit-20.35 u tasal lura Malta fil-22.55.

# Saxony Christmas Markets
# Berlin




## GRUPP A: 28 TA' NOV – 02 TA' DIĊEMBRU
## GRUPP B: 12 - 16 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Berlin, Potsdam, Sansoucci Palace, Leipzig & Dresden**

**Is- Sibt**
Niltaqgħu l-ajruport fit-15.30 għat-titjira KM376 li ttir fis-17.55. Naslu Berlin fid-20.55. Naqbdu t-triq lejn il-Hotel: Grupp **A** BW Plus Plaza Hotel 4 star, Grupp **B** Hollywood Media Hotel 4 Star. Il-lukandi jinsabu f'Kurfürstendamm Boulavard f'atmosfera mill-isbaħ, it-triq tkun imżejna kollha u mimlijja dwal tal-Milied.

**Il-Ħadd**
Skopri magħna l-belt ta' **Berlin**, belt mill-iżjed interessanti fejn flimkien mal-gwida tal-lokal (English Speaking) tispjegalna l'istorja ta' dan il- poplu li għal tant snin kien pajjiż maqsum bejn Lvant u l-Punent. Fost l-oħrajn naraw: Bradenburg Gate, Unter Der Linden, Reichtag, Museum Island, Berlin Opera, Berlin Wall Memorial, Check Point Charlie, Gendarmemmarket, Grosser tiergarten, Victory Column, Berlin Cathedral, Kaiser Wilhelm Memorial Church u Nikolai Quarters**.** Wara nirritornaw lura l-Hotel biex ingawdu dan iċ-ċentru u l-Christmas Markets.

**It-Tnejn**
Eskursjoni għal **Dresden**, magħrufa bħala *Firenze fuq l-Elbe*. Din hija belt b'arkitettura Barokka impressjonanti u wirt kulturali rikk. Mixja fiċ-ċentru storiku Altstadt, li hija l-Belt il-Qadima, twassalna biex naraw monumenti emblematiċi bħall-Frauenkirche, il-Palazz grandjuż Zwinger bil-kollezzjonijiet tal-arti tiegħu, u s-Semper Opera House, waħda mill-aqwa fil-Ġermanja. Il-Brühl's Terrace, spiss imsejjaħ il-"Gallarija tal-Ewropa," joffri veduti panoramiċi tax-xmara Elbe u l-belt. Fuq in-naħa l-oħra tax-xmara fid-distrett Neustadt, fejn nesploraw kuntrast vibranti ta' street art, cafés indipendenti u boutiques. Sintendi, ma jonqoss it- tiżjin tal-Milied u Christmas Markets.

**It-Tlieta**
Wara l-buffet breakfast nitilqu bil-kowċ għall-excursion li ser teħodna **Potsdam**, ir-residenza tal-mexxejja Prusjani. Hawnhekk nistgħu nżuru **l-Palazz Sansoucci** (dħul extra). Insibu wkoll Park enormi u jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu dawn il-ġonna sbieħ. Wara nżuru ċ-ċentru tal-belt ta' Potsdam – belt kbira fejn insibu mal-20 lag u jgħaddu minn ġo fiha 20 xmara. Wara nofsinnhar ikolna ħin liberu. Wara nirritornaw lura Berlin. Filgħaxija nkomplu ngawdu l'atmosfera festiva tal-Christmas Markets.

**L-Erbgħa**
Breakfast u tluq lejn il-belt ta' **Leipzig** fejn inkunu qed naraw l-konnessjoni tagħha mal-kompożitur klassiku famuż Johann Sebastian Bach. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn Leipzig, ċentru kummerċjali mportanti magħruf għall-wirt mużikali mpressjonanti tiegħu u s-suq tal-Milied fl-Leipzig (Leipziger Weihnachtsmarkt), meqjus bħala l-eqdem u l-akbar fil-Germanja. Flimkien mal-gwida tal-lokal nammiraw din il-belt fejn fost l-oħrajn naraw l-Market Square fejn kienet inbniet l-Old City Hall, l-Altes Rathaus, l-Opera House u l-knisja ta' San Nikola. Wara jkollna ħin liberu fejn tistgħu iżżuru l-Mużew tal-Fine Arts, iz-Zum Arabischen Coffe Baum, wieħed mill-aktar cafè-restaurant antiki jew dawra sabiħa mas-suq tal-Milied. Wara nibqgħu sejrin lejn l-ajruport ta' Berlin għat-titjira KM377 li ttir fl'21.45 u naslu lura Malta fis-00.40.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €800 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €810 |
| Kamra ta' persuna waħda | €995 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €740 |
| Suppliment group B | €40 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Berlin – Malta mal KM Malta Air
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t' iljieli –
  **Grupp A** BW Plus Plaza Hotel 4 star
  **Grupp B** Film Hotel Hollywood Media 4 star
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*



# Austrian Christmas Magic



## GRUPP A: 07 - 11 TA' DIĊEMBRU
## GRUPP B: 19 - 23 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Linz, St Polton, Melk, Passau, Durstein, Wachau Valley, Hallstatt, Vienna...**

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €820 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €820 |
| Kamra ta' persuna waħda | €930 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €780 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mbl-KM Malta Air għal Vienna
- 20kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 4 iljieli - Hotel Goldener Adler 3 Star, fiċ-ċentru
- Breakfast Buffet kontinentali
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**L-Ewwel Jum**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-07.00 għat-titjira KM514 li titlaq fid-09.25 u tasal Vienna f'11.45. Minn hemm nitilqu lejn Linz u nagħmlu waqfa qasira f'**St. Pölten**, il-kapitali moderna ta' Lower Austria, li tkun imżejna, u b'atmosfera tal-Milied. Din il-belt hija magħrufa għall-arkitettura barokka tagħha. Hemmhekk naraw il-pjazza l-qadima u binjiet kulturali bħall-Landhausviertel u l-Mużew tal-Istat. Imbagħad inkomplu lejn **Melk**, raħal pittoresk fuq ix-xtut tad-**Danubju**, fejn insibu toroq imżejna għall-Milied u ċentru żgħir b'atmosfera tradizzjonali Awstrijaka. Wara nkomplu lejn **Linz**, fejn nagħmlu check-in fil-**Hotel Goldener Adler** 3* li tinsab fiċ-ċentru. Filgħaxija nagħmlu mixja ta' familjarizzazzjoni madwar iċ-ċentru storiku tal-belt, li wkoll ikun imżejjen għall-Milied, sabiex nieħdu l-ewwel impressjoni tas-**swieq tal-Milied**.

**It-Tieni Jum**
Buffet Breakfast u eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna **Passau** – Belt Ġermaniża magħrufa bħala The Three River city ħabba li hawn jingħaqdu tlett xmajjar Danube, Inn u Ilz flimkien. Hawn insibu bini mill-isbaħ fuq stil Barokk li jiddomina lill-belt. Fost oħrajn, naraw il-Katidral ta' San Stiefnu fejn insibu l-akbar orgni tal-knejjes fid-dinja. Naraw ir-Rathaus kif ukoll l-Universita'. Nagħmlu passiġġata madwar l-Old Town fejn ikollna ħin liberu biex ingawdu il- **Chritmas Market** popolari ta'Passau. Nirritornaw lura l-hotel

**It-Tielet Jum**
Filgħodu nżuru **PlusCity,** wieħed mill-akbar shopping centres qrib Linz, fejn insibu varjetà kbira ta' ħwienet, fosthom ukoll **Primark**. Wara nkomplu lejn il-**Wachau Valley** biex inżuru Dürnstein u Krems. L-ewwel waqfa tkun f'**Dürnstein**, belt żgħira u pittoreska fuq ix-xmara Danubju, magħrufa għall-produzzjoni tal-inbid tagħha, iċ-ċentru storiku sabiħ u, fuq l-għolia, il-fdalijiet tal-kastell fejn darba kien miżmum il-ħabs ir-Re Richard the Lionheart. Hemm, nimxu tul toroq dojoq imżejna għall-Milied. Imbagħad inkomplu fost xenarju mill-isbaħ tul ix-xmara Danubju lejn **Krems an der Donau**, belt bi storja ta' aktar minn 1000 sena, fejn ikollna ħin liberu għal aktar opportunitajiet ta' shopping jew waqfa pjaċevoli għal xi tazza mulled wine.

**Ir-Raba' Jum**
Skopri magħna l-villaġġ ta' **Hallstatt**, meqjus bħala World Heritage Site mill-UNESCO. Hallstatt hu villaġġ Awstrijak li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħi. Flimkien mat- tour leader nagħmlu dawra mal- post fejn naraw il-knisja ddedikata lil Santa Maria, kif ukoll il-Beinhaus – Bone House (dħul extra). Min irrid jista jirkeb il-ferrovija (extra), biex inżuru l-eqdem Salt Mine fid-dinja (dħul extra) min hawn fuq naraw panorama sabiħa tal-lag Hallstatter. Ma tistax tgħid li mort Hallstatt jekk ma tmurx lake cruise (extra). Hemmhekk tkunu tistgħu tirrilasaw waqt li tgawdu l-ġmiel tan-natura.

**Il-Ħames Jum**
Breakfast u tluq lejn lejn iċ-ċentru ta'**Vienna,** il-belt tal-Valtzi, fejn ser ikollna **city tour** biex niskopru l-ġmiel ta' ħafna postijiet storiċi bħal Rathaus, il-Parlament, il-bini maestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen's Cathedral. Ħin liberu biex ingawdu l- Christmas Market. Fil-17:00 tluq lejn l- airport għal- flight KM515 li ttir fin-20:35 u naslu Malta fit-22.55.

# French & German Christmas Markets
## Incl. The Black Forest & Europa Park



**GRUPP A: 09 - 14 TA' DIĊEMBRU**
**GRUPP B: 17 - 22 TA' DIĊEMBRU**

**6 t'ijiem**

**INŻURU: Mulhouse, Strasbourg, Triberg waterfalls, Lake Titisee, Colmar, Riquewihr, Rhine Falls...**

**L-Ewwel Jum**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta f'12.00 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.50. Mal-wasla tagħna, naqbdu l-kowċ biex inmorru lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza** li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji **Vosges u Xmara** Rhine. Din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' 112,000 persuna. L-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa **Hotel Bristol** 3star fiċ-ċentru tal-belt. F'Mulhouse ta' kull sena jarma l-**Christmas Market** fil-pjazza '**Place de la Reunion**'. Dan il-market ikun miftuħ kuljum mill-10.00 sat-20.00. Għal dawk li jieħdu l-Half Board supplement, l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

**It-Tieni Jum**
Wara li nieħdu Buffet Breakfast ikollna eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Strasbourg**, belt tant eleganti u t'importanza kbira. Flimkien naraw **Petite France, Old Quarters, Palais du Europe, European Parliament, l'Orangerie u l-famuż Katidral.** Wara ser inżuru l-famuż Christmas Market li ilu jarma sa mill-1570 għalhekk hu l-eqdem Christmas Market kif ukoll wieħed mill-akbar fl-Ewropa. Ikollna ħin liberu fejn inkunu nistgħu ngawdu l-atmosfera festiva. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixela.

**It-Tielet Jum**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal-**Riquewihr** u l-belt sabiħa ta' **Colmar** l-ewwel waqfa se tkun ġewwa **Riquewihr,** villaġġ li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nieqfu għal sightseeing. Nkomplu lejn il-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' Alsace. Nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi kif ukoll il-Kwartieri mimlijin kanali li jissejjaħ '**Little Venice'**. Naraw wkoll id-dar ta' Bartholdi li ddisinja lis-Statue of Liberty ta' New York, mhux ta b'xejn ħafna jirreferu għal Colmar bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar fl-Ewropa! Hawn ser naraw ukoll il-famuz **Christmas Market** kif ukoll it-tiżjin sabiħ li jkun hawn f'din il-belt. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixgħula.

**Ir-Raba' Jum**
Breakfast, u wara ġurnata libera biex tgawdu din il – belt f'atmosfera festiva, Christmas Market u shopping miż-żona pedonali fejn issibu stabbilimenti bħal C&A, Primark..... Min irid jista jżur l' **Automobile Museum** (ent fee extra) mużew mill-aktar interessanti. Iżda għal min irid ser norganizzaw ġurnata (transfer u biljett tad-dħul extra ) ta' divertiment ġewwa **l-Europa Theme Park**.

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

*Validu sal-5 ta' Settembru*

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €840 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €850 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,060 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 |
| Half Board Supplement Adulti (5ikliet) | €125 |
| Kids Meal (1 main+ 1 dessert) | €75 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Zurich
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm
- 5 lljieli - Hotel Bristol 3 star+ fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Buffet breakfast Continental - kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**Il-Ħames Jum**
Illum ingawdu l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa l-**Germanja.** Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **Triberg** li hu riżort muntanjuż fejn jinħadmu l-***Cuckoo Clocks*** *u l-**Music Boxes**, kollu xogħol tal-idejn minn nies tal-lokal. Wara jkollna ħin liberu għall- xiri* ta' souvenirs. Nkoplu lejn **Titisee** post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu mdawwar bil-Lag. X'hemm isbaħ minn passiġata madwar il-Lag jew xi biċċa Black Forest Cake tajba!!!! Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

**Is-Sitt Jum**
Nitilqu bil-kowċ lejn **Neuhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar kaskati spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' Zurich b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu ċ-check in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-20.00.



# Panoramic North Italy
## & The Bernina Express

**02 - 06 TA' DIĊEMBRU** — **5 t'ijiem**

**INŻURU:** Sondrio,Tirano, St. Moritz, Livigno, Bormio, Bergamo, Lecco, Varenna

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €835 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €835 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,010 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €760 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal- KM Malta Air għal Milan
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli - Gran Hotel Della Posta 4 Star
- Buffet Breakfast kuljum.
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour-leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**L-Erbgħa 2 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.30 għat-titjira KM624 li titlaq fit-12.45 lejn Milan. Naslu fl-ajruport ta' Milan fis-14.45 u minn hemm nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Sondrio**, belt eleganti fil-qalba tal-wied pittoresk ta' Valtellina, imdawra bil-muntanji maestużi tal-Alpi. Tul il-vjaġġ inkunu nistgħu ngawdu xenarji alpini mill-isbaħ u atmosfera tipika tax-xitwa. F'dan iż-żmien tal-Avvent, Sondrio tkun imżejna bid-dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied li joħolqu atmosfera festiva u sabiħa ħafna. Meta naslu nagħmlu check-in fil-**Gran Hotel Della Posta**, lukanda 4 Star li tinsab fiċ-ċentru tal-belt, qrib il-pjazez u t-toroq pittoreski ta' din il-belt alpina.

**Il-Ħamis 3 ta' Diċembru**
Breakfast u wara nitilqu għall-vjaġġ qasir lejn il-belt pittoreska ta' **Tirano** minn fejn ser naqbdu l-famuża ferrovija turistika **Bernina Express** (extra), waħda mill-isbaħ vjaġġi bil-ferrovija fl-Ewropa. Dan il-vjaġġ spetta kolari ta' aktar minn sagħtejn iwassalna sa **St. Moritz** ġewwa l-Iżvizzera, fost xenarji alpini meraviljużi ta' muntanji miksija bil-borra, lagi ffriżati, foresti u glaċieri impressjonanti. Tul il-vjaġġ inkunu nistgħu ngawdu veduti li verament jaqtgħu n-nifs u li jagħmlu din l-esperjenza unika u indimentikabbli. Meta naslu St. Moritz ikollna ħin liberu biex nesploraw din il-belt eleganti u lussuża magħrufa mad-dinja kollha għax-xenarju tagħha u l-atmosfera raffinata tagħha, speċjalment f'dan iż-żmien tal-Milied bid-dwal u dekorazzjonijiet festivi tagħha. Wara nirritornaw lura lejn Sondrio.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru**
Il-ħarġa tal- llum ser teħodna fil-belt ta' **Bergamo** u **Lecco**. Il-belt ta' Bergamo tista' titqies bħala żewġt ibliet f'belt waħda - Città bassa u Città Alta. Flimkien mat-tour leader niskopru dawn il-bliet imdawra b'fortifikazzjonijiet antiki u mimlija toroq dojoq. Nitilgħu bix-Shuttle bus biex inżuru Città Alta, hawn il-karattru tal-Milied isir anke aktar maġiku. F' Piazza Vecchia u tul it-toroq medjevali tal-belt, ħwienet żgħar u banek juru xeni artistiċi tat-twelid ta' Ġesu Bambin. Wara nkomplu lejn **Lecco**, villaġġ sabieħ madwar il-'**Lake Como'** hawn is-swieq tal-Milied joffru taħlita unika ta' tradizzjonijiet festivi, trattamenti staġjonali, u xogħol magħmul bl-idejn. Is-swieq jinsabu f'postijiet mill-isbaħ bħal Piazza XX Settembre u l-pjazez ċentrali tal-belt, mimlijin chalets tal-injam, dwal u r-riħa tal-kannella, ċikkulata sħuna u kastanji mixwija. Il-viżitaturi jistgħu jgawdu l-inbid sħun, ħelu tradizzjonali u speċjalitijiet tal-lokal, kollha waqt li jgawdu l-veduti sbieħ tal-lag u l-wirja tad-dawl tal-Milied. Is-swieq huma mod perfett biex tesperjenza l-maġija tal-istaġun tal-festi f'ambjent pittoresk.

**Is-Sibt 5 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn **Livigno,** rizort alpinu sabiħ ħafna mdawwar bil-muntanji miksija bis-silġ u atmosfera festiva tipika ta' dan iż-żmien tas-sena. Meta naslu nagħmlu dawra ma' dan il-post pittoresk biex nammiraw ix-xenarju mill-isbaħ u l-atmosfera tal-Milied bid-dwal u dekorazzjonijiet li jimlew it-toroq. Hawn ikollna wkoll l-opportunità li bil-cable car (extra) nitilgħu sal-quċċata tal-muntanja **Carosello 3000** għall- veduti spettakolari tal-Alpi miksija bil-borra. Livigno hija zona duty free u għalhekk wieħed ikollu ħin liberu għall- xiri bi prezzijiet vantaġġjużi. Wara nkomplu lejn il-villaġġ alpinu sabiħ ta' **Bormio** fejn nagħmlu dawra fiċ-ċentru medjevali b'toroq dojoq, ħwienet żgħar u atmosfera tradizzjonali ħafna. Ħin liberu u wara nirritornaw lejn il-hotel.

**Il-Ħadd 6 ta' Diċembru**
Wara l-breakfast nitilqu lejn **Varenna**, villaġġ pittoresk fuq ix-xtut tal-famuż Lake Como, imżejjen b'atmosfera mill-isbaħ speċjalment f'dan iż-żmien tal-festi. Meta naslu jkollna ħin liberu biex nimxu mal-promenade tal-lag, ngawdu l-veduti spettakolari tal-muntanji u l-atmosfera kwieta u romantika tal-post. Iċ-ċentru jkun imżejjen bid-dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied li jagħmlu l-esperjenza aktar sabiħa. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li titlaq minn Milan fil-15.15 u naslu lura Malta fis-17.15.

# Munich
## & Bavarian Christmas Markets



### 04 - 08 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Munich, Rosenhiem, Salzburg, Nymphenburg Palace, Nurenburg, Augsburg**

**Il-Ġimgħa 04 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.00 għat-titjira KM306 li titlaq fis-07.15 lejn Munich, fejn naslu fid-09.45. Malli naslu nibdew l-eskursjoni tagħna lejn il-belt sabiħa ta' **Rosenheim** fil-qalba tal-Bavarja, magħrufa għall-atmosfera tradizzjonali tagħha u l-binjiet eleganti tagħha. Meta naslu nagħmlu dawra fiċ-ċentru storiku fejn naraw postijiet ta' interess bħal Max Josef Platz, Kirche St. Nikolaus, Ludwigplatz, il-katidral u diversi toroq pittoreski armati għall-festi tal-Milied. F'dan iż-żmien il-belt tkun mimlija dwal, dekorazzjonijiet u Christmas Markets tradizzjonali li joħolqu atmosfera sħuna u festiva ħafna. Ħin liberu biex wieħed igawdi l-atmosfera tal-belt jew jagħmel ftit xiri.Nkomplu lejn **Munich** u nagħmlu check-in fil-hotel 'Munich City' 4 Stars - li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Filgħaxija nagħmlu mixja ta' familjarizzazzjoni madwar iċ-ċentru storiku ta' Munich biex nieħdu l-ewwel impressjoni tal-atmosfera maġika tal-Milied bid-dwal, il-pjazez armati u l-famużi Christmas Markets tal-belt.

**Is-Sibt 05 ta' Diċembru**
Breakfast. Illum nofs ta' nhar niex nżuru '**Nymphenburg Palace & Park'** li qijed 25 minuta miċ-ċentru ta'Munich, huwa palazz mill isbaħ fuq stil barokk. Waqt li jkollna l-opportunita nżuru l-palazz min ġewwa, il-park u l-ġonna ta'madwar.Nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu biex ingawdu iċ-ċentru sabiħ ta'din il-belt bħal pjazza ċentrali **Marienplatz** li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari Fraunkirche, il-famuż arloġġ Rathaus Glockenspal li jinsab f'din l-istess pjazza, Karlsplatz bil-famuż fontana u t-toroq ta' Neuhausen Strabe u Kaufinge Strabe żewġ toroq mimlija stabbilimenti u ħwienet mill-isbaħ u żgur ma jonqoss li nżuru l'Christmas Markets

**Il-Ħadd 06 ta' Diċembru**
Eskursjoni mimlija storja u atmosfera festiva hekk kif illum inżuru l-belt sabiħa u famuża ta' **Salzburg** fl-Awstrija. Din il-belt eleganti, magħrufa mad-dinja kollha mhux biss għall-ġmiel storiku tagħha iżda wkoll għar-rabta tagħha mal-famuż film mużikali *The Sound of Music*, toffri esperjenza tassew unika speċjalment f'dan iż-żmien tal-Milied. Matul iż-żjara tagħna naraw diversi postijiet emblematiċi fosthom il-Katidral ta' Salzburg, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d-dar fejn twieled Mozart. Inżuru wkoll il-Kapitelplatz minn fejn wieħed jista' jieħu l-funikular (ħlas extra) sal-fortizza maestuża ta' Hohensalzburg għal veduti spettakolari tal-belt u l-muntanji tal-madwar. Hawn wieħed ikun jista' jara wkoll il-Watchtower u r-Rainer Museum li fih kollezzjoni interessanti ta' armi medjevali. Waqt il-ħin liberu tkunu tistgħu tgawdu wieħed mill-isbaħ u l-aktar famużi Christmas Markets tal-Awstrija, mimli dwal, dekorazzjonijiet tradizzjonali, prodotti artiġjanali u atmosfera maġika tal-Milied.

**It-Tnejn 07 ta' Diċembru**
Excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Nurenburg**, belt mill-iżjed interessanti. Flimkien mal-gwida tal-lokal (English Speaking) mmorru l-Old Town li huwa ċentru storiku. Ħin liberu biex ingawdu l-famuz Christmas Market li hu meqjus bħala wieħed mill-eqdem u l-isbaħ Christmas Market fil-Ġermanja. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Breakfast u ħin liberu. Wara eskursjoni għal belt sabiħa u mimlija storja, **'Augsburg'** mixja maċ-ċentru ta' din il- belt biex naraw l'aktar postijiet interessanti bħat Town hall, waqt li ngħaddu min diversi siti ta' Wirt Dinji tal USESCO . Wara jkollna ħin biżżejjed biex Ingawdu wkoll is-swieq tal- Milied tipiku Ġermaniż, bl-irwejjaħ tal- aromi tal-qastan u nbid sħun, zalzett ...Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM309 li ttir fit-20.00 u naslu lura Malta fl'22.20.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €890 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €900 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,170 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €790 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mall-KM Malta Air għal Munich
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm)
- 4 Iljieli - Hotel Munich City (Fiċ-ċentru ta' Munich)
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

## The Magic of Christmas Markets in
# Poland, Krakow



**06 - 10 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Auschwitz, Salt Mine, Wadowice, Krakow, Zakopane**

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €820 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €830 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,150 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €730 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira għal Krakow
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 Iljieli - Hotel Campanile Old Town - 4 Star
- Buffet Breakfast Continental - kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*



**Il-Ħadd 06 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fit-04.00 għat-titjira FR7114 li ttir fl'06.15 u naslu Krakow fis-08.50 Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna **Krakow city tour** biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nisbu ġewwa din il-belt. Check in fil-**Campanile Old Town** , sistemazzjoni tal-kmamar, ħin liberu u wara flimkien mat-tour leader inżuru l-famuż Christmas Market.

**It-Tnejn 07 ta' Diċembru**
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru s-**Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. (Entraturi extra).

**L-Erbgħa 08 ta' Diċembru**
Eskursjoni ta' nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau,** fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom (entrance extra) Nirritornaw lura Krakow u ħin liberu biex tkomplu tgawdu din il- belt sabiħa.

**Il-Ħamis 09 ta' Diċembru**
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane f'atmosfera festiva** u **Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane . Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn **Wieliczka Salt Mines** (ent extra), magħrufa wkoll bħala the under ground Salt Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Wara Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7141 li ttir fl-22:05 u naslu lura fis-00:45.



# Wroclaw Christmas Markets
## & Fairytale Poland

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €740 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €750 |
| Kamra ta' persuna waħda | €885 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €680 |

**Prezz jinkludi:**
- Prezz jinkludi:
- Titjira, Ryanair għal Wroclaw
- 20Kgs Bagalja
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm)
- 4 lljieli - Hotel Mercure 4 star fiċ-ċentru ta' Wroclaw
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**07 - 11 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Wroclow, Lower Silesia, Ksiaz Castle, Swidnica, Giant Mountains, Valley of Palaces and Gardens, Żoo, Afrykarium...**

**It-Tnejn 07 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-07.30 għat-titjira FR7462 li titlaq fl-10.00 u tasal Wrocław fit-12.45. Mal-wasla jsir transfer privat bil-kowċ lejn il-lukanda Hotel Mercure Wrocław Centrum, lukanda ta' 4 stilel li tinsab fiċ-ċentru tal-belt, ftit minuti mixi biss mill-**Old Town** u l-famużi Christmas Markets. Wara s-sistemazzjoni tal-kmamar, noħorġu flimkien mal-leader għal mixja introduttorja fil-qalba storika ta' Wrocław sabiex nibdew ingawdu l-atmosfera maġika tal-Milied. Filgħaxija ħin liberu biex wieħed iżur il-**Christmas Markets**, jieħu ikla f'wieħed mir-ristoranti tipiċi Pollakki jew igawdi xarba sħuna fil-pjazza ewlenija mimlija dwal u dekorazzjonijiet tal-festi.

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Wara l-kolazzjon, Jkollna **City Tour** bil gwida tal-lokal mal-belt ta' Wrocław, waħda mill-isbaħ bliet fil-Polonja. Matul din iż-żjara naraw: Rynek – il-pjazza ewlenija u waħda mill-akbar fl-Ewropa Il-binja storika tat-Town Hall, Cathedral Island, Il-pontijiet pittoreski u l-istatwi magħrufa tal-"Dwarfs". Wara nofsinhar ħin liberu biex tkomplu tiskopru din il-belt, xiri jew aktar żjarat fil-Christmas Markets fejn wieħed isib prodotti artiġjanali, dekorazzjonijiet tal-Milied u ikel tradizzjonali Pollakk. Filgħaxija Norganizzaw (Extra) ikla tipika Pollakka b'mużika tradizzjonali.

**L-Erbgħa 09 ta' Diċembru**
Breakfast u nitilqu minn Wrocław għal vjaġġ panoramiku mill-isbaħ fil-kampanja **ta' Lower Silesia** lejn il-maestuż **Książ Castle,** wieħed mill-akbar u l-aktar kastelli impressjonanti fil-Polonja. Mibni fuq għolja mdawra b'foresti, il-kastell huwa magħruf għall-interni Barokki eleganti tiegħu, it-terrazzi panoramiċi, l-istorja aristokratika rikka u l-mini misterjużi taħt l-art marbuta mat-Tieni Gwerra Dinjija. Wara żjara fil-kastell u l-ġonna tal-madwar, inkompli lejn il-**Church of Peace ġo Świdnica,** knisja Luterana tal-injam elenkata bħala Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO. Din il-knisja tas-seklu 17 hija famuża għall-kostruzzjoni straordinarja tagħha tal-injam u għall-intern rikkament imżejjen tagħha, u hija meqjusa bħala wieħed mill-aktar monumenti reliġjużi uniċi fl-Ewropa. Wara ftit ħin liberu għar-ritratti u mixja rilassanti, nirritornaw lejn Wroclaw.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Breakfast u illum ser ikollna eskursjoni ta' ġurnata minn Wrocław lejn iż-żona spettakolari tal-**Giant Mountains** u l-**Valley of Palaces and Gardens**. Nitilqu għal vjaġġ panoramiku qalb pajsaġġi sbiħ, villaġġi pittoreski u muntanji miksija bis-silġ. Tul il-ġurnata ser naraw palazzi u residenzi storiċi mimlijin karattru u storja, filwaqt li ngawdu wkoll l-atmosfera sabiħa tal-muntanji fix-xahar festiv ta' Diċembru. Din l-eskursjoni toffri taħlita perfetta ta' natura, kultura u rilassament.

**Il-Ġimgħa 11 ta'Diċembru**
Breakfast u ġurnata libera għax-xiri u sightseeing personali. Dawk li jixtiequ jistgħu jingħaqdu mat-tour leader għal żjara fiż-**Żoo** ta' Wrocław, l-akbar żoo fil-Polonja, kif ukoll l-**Afrykarium** (Aquarium). Fil-15:15 nitilqu lejn l-Ajruport ta' Wrocław għat-titjira FR3463, li titlaq lejn Malta fis-18:45 u naslu f'Malta fid-21:35.

# Italian & Swiss Markets
# North Italy & Switzerland
## & The Centovalli Scenic Train from Italy to Switzerland



**08 - 12 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Arona, Ascona, Lugano, Domodossola,Locarno, Madonna del Sasso,Vercelli, Novara...**

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Halfboard, Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €820 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €830 |
| Kamra ta' persuna waħda | €995 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €710 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Milan
- 20kgs Bagalji + Hand Luggage
- 4 lljieli - Hotel Concorde 3*+
- Buffet breakfast kuljum
- Ċena Kuljum (4 ikliet)
- Eskursjonijiet (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi ta' l-ajruport
- Insolvency Protection
- Tour Leader

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.00 għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM624 lejn Milan li titlaq fit-12.25. Naslu fl-ajruport ta' Linate fis-14.25 u minn hemm nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Arona**, belt eleganti u pittoreska fuq ix-xtut tal-Lag Maggiore. Tul il-vjaġġ inkunu nistgħu ngawdu xenarji sbieħ tax-xitwa u atmosfera festiva tipika ta' dan iż-żmien tas-sena. Mal-wasla tagħna fil-Hotel Concorde 3*+ issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Il-lukanda tinsab f'lok ideali qrib il-lag u ċ-ċentru tal-belt, fejn wieħed jista' jgawdi l-atmosfera kwieta u romantika ta' Arona. Ċena fil-lukanda u lejla rilassanti.

**L-Erbgħa 09 ta' Diċembru**
Wara Buffet Breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna l-Isvizzera fejn ser nżuru l-belt ta' **Ascona** li tinsab ma' Lago Maggiore**,** **Lugano** – il-belt kapitali tal-Canton ta' Ticino, u wara nofsinhar nirritornaw l-Italja u nżuru l-belt ta' **Como**. L-ewwel nżuru l-belt ta' Ascona li tinsab fin-naħa ta' fuq ta' Lago Maggiore. Nagħmlu mixja matul it-toroq pittoreski mimlija restaurants u cafés, mixja li twassalna sal-promenade li ssaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nkomplu lejn Lugano, u mat-tour leader, naraw iċ-ċentru storiku, Via Nassa li hi triq mimlija ħwienet eleganti u Piazza Della Riforma. Hawnhekk nistgħu mmorru mixja matul il-promenade, b'xenarju mill-aqwa ta' Lag ta' Lugano mdawwar bil-muntanji. Ħin liberu fejn ikollkom ħin biex iżżuru l-Christmas Market. L-aħħar waqfa tkun fil-belt ta' Como fejn flimkien mat-tour leader naraw Piazza Cavour, Piazza Volta, Città Vecchia, u d-Duomo – maħdum b'irħam abjad bi stil gotiku. Passiġata matul il-lag ta' Como jew dawra fil-Christmas Market ma tonqosx. Ċena fil-lukanda.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Wara l-breakfast, nerħulha lejn **Domodossola**, fejn nibdew l-esperjenza tagħna bil-ferrovija panoramika **Centovalli** (biljett extra). Il-vjaġġ, li jdum madwar siegħa, jgħaddina minn widien sbieħ, foresti ħodor u fuq pontijiet spettakolari, u joffri veduti naturali impressjonanti tul it-triq. Bil-ferrovija naslu fil-belt Svizzera ta' **Locarno**, li tinsab fuq ix-xatt tat-tramuntana ta' Lago Maggiore, fejn ikollna ħin liberu nesploraw il-pjazez eleganti, it-toroq tul il-lag u l-ħwienet. Min jixtieq jista' jitla bil-funikular sal-**Madonna Del Sasso** (biljett extra), santwarju magħruf u post ta' pellegrinaġġ li joffri veduti impressjonanti tal-lag u l-muntanji tal-madwar. Nirritornaw lura l-hotel, ċena u filgħaxija mixja mal-leader.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Illum nibdew billi nżuru **Vercelli**, belt storika magħrufa għall-arkitettura tagħha u għat-tkabbir u l-produzzjoni tar-ross. Hawnhekk nagħmlu żjara fiċ-ċentru storiku li se jkun imżejjen għall-Milied u jkollna ħin liberu biex nesploraw, nieħdu kafè jew nagħmlu ftit xiri. Inkomplu lejn **Novara**, fejn inżuru s-suq tal-Milied mimli kuluri u mużika festiva. Min jixtieq jista' jingħaqad mat-tour leader u jżur il-Katidral ta' Santa Maria Assunta u l-Bażilika ta' San Gaudenzio, magħrufa għall-arkitettura imponenti tagħha. Wara ġurnata indimentikabbli, nirritornaw lejn il-lukanda.

**Is-Sibt 12 ta' Diċembru**
Buffet Breakfast u ħin liberu. Għall-ħabta tal-10.30, transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li ttir fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.15.

# The Three Countries Tour: Austria, Germany, Switzerland
# Bregenz & Lake Constance



Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €995 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €995 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,305 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €910 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Zurich
- 20kgs bagalja + Hand Luggage
- Transfers u Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli Grand Hotel Bregenz – Mgallery 4 Star
- Buffet Brekfast
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

## 08 - 12 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU:** Bregenz, Appenzell, Constance, Meersburg, Lindau, Stein am Rhein & RhineFalls

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fin-12.30 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.45. Mal-wasla tagħna, transfer bil-kowċ lejn **l-Austria** għall-belt ta' **Bregenz.** Check-in fil-**Grand Hotel Bregenz – Mgallery 4 Stars** li qiegħeda fiċ-ċentru tal-belt.

**L-Erbgħa 9 ta' Diċembru**
Il-ġurnata tal-lum teħodna qalb in-natura ta' **Switzerland** fejn se nżuru **Appenzell** u l-**muntanja Säntis.** L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt ta' **Appenzell** belt magħrufa l-aktar għall-karattru medjevali u għall-artiġjanat tradizzjonali Svizzeru. Fost xenarju pittoresk, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Schwägalp minn fejn naqbdu l-cable car (extra) biex nitilgħu fuq il-muntanja Säntis. Minn fuq il-quċċata ta' din il-muntanja, wieħed jista' igawdi veduti panoramiċi spettakolari. Nirritornaw lura l-lukanda.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Illum inżuru belt sabiħa fil-Ġermanja, hekk imsejjħa **Constance.** Din hija l-akbar belt fuq ix-xatt tal-**Lag Kostanz**. Ikollna ħin biex niskopru din il-belt kif ukoll ħin liberu biex ingawdu il-Christmas Market hekk imsejjaħ Winter Magic, li hu l'akbar wieħed madwar il-lag. Dan il-Christmas market jittella eżattament ħdejn il-lag. Wara nofsinhar nirritornaw lura Bregenz biex inkomplu ngawdu l'atmosfera festiva ta' din il-belt, fejn ukoll jittella' Christmas Market.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Illum ġurnata oħra nduru diversi villaġġi mal-lag Kostanz fin-naħa tal-**Ġermanja**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġol-belt żgħira ta' **Meersburg** fejn flimkien ingawdu din il-belt magħrufa għas-seħer medjevali tagħha. It-tieni waqfa tagħna tkun fil-belt u gżira ta' **Lindau** fejn naraw il-famuża Rathaus, Mangturm, Maximilianstrasse li hi t-triq prinċipali mimlija ħwienet u restaurants. Fid-daħla sabiħa tal-port insibu żewġ monumenti li huma l-Lighthouse u l-istatwa tal-iljun. Ikollna ħin liberu biex ingawdu din il-belt kif ukoll il-Christmas market li jittella' prinċipalment max-xatt tal-lag.

**Is-Sibt 12 ta' Diċembru**
Fl-aħħar ġurnata nżuru **Stein am Rhein** u **Neuhausen.** L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt storika ta' Stein am Rhein, magħrufa għaċ-ċentru medjevali tagħha, bini pittoresk u faċċati miżbugħa b'affreski. L-aħħar waqfa tagħna tkun **Neuhausen** biex naraw il-famużi r-**Rhine Falls**, waħda mill-aktar attrazzjonijiet naturali spettakolari fl-Ewropa. Ikollna ħin biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u wara nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' **Zurich** b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu c-check-in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-19.40.



# The Best of Belgium
# Brussels Christmas Markets



Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €950 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €970 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,350 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €790 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Brussels – Malta mal-KM Malta Air
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t' iljieli – **Hotel Bedford** 3 star +
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

## 09 - 13 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Bruges - Antwerp - Dinant - Namur**

**L-Erbgħa 09 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fin-14.30 għall-flight KM420 li ttir fl' 16.25, naslu Brussels fis-19.35 Mal-wasla tagħna, transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' **Brussels** fejn ser noqodu fil-**Bedford Hotel** 3 stars+.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Breakfast u wara jkollna **City Tour** mal-belt sabiħa ta' Brussels fejn inżuru postijiet ta' nteress fosthom il-famuża Grand Place armata bid-dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied, il-Manneken Pis, il-Galleriji St Hubert il-Katidral... Wara ħin liberu wieħed ikun jista' jibda jgawdi l-famużi Christmas Markets li nsibu mxerrda mal belt fil-Grand-Place , Place de la Bourse, Place de la Monnaie, Place Sainte-Catherine, Place De Brouckère u ħafna aktar. Il-christmas Markets ta Brussels huwma meqjusa bħala wieħed mill-isbaħ u l akbar fl-Ewropa.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Wara l-breakfast mmorru għal-eskursjoni ta'ġurnata lejn **Bruges**, waħda mill-isbaħ bliet medjevali fil-Belġju magħrufa bħala "Venice of the North". Ikollna **City** Tour biex naraw postijiet ta'nteress u mixja mat-toroq pittoreski, kanali sbieħ u pjazez storiċi armati bid-dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied li jagħtu atmosfera tassew maġika. Inmorru vjaġġ b'dgħajsa tipika tul il-kanali storici tagħha, li jipprovdu perspettiva unika tal-arkitettura medjevali u l-punti ta' referenza tal-belt. Wara jkollna ċans biex ingawdu l-famuż Christmas Market, jagħmel passiġġata romantika jew jieħu ritratti mill-isbaħ ta' din il-belt unika.

**Is- Sibt 12 ta' Diċembru**
Eskursjoni lejn **Antwerp**, belt eleganti u moderna magħrufa għad-djamanti, il-ħwienet eleganti u l-binjiet storiċi tagħha. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra fiċ-ċentru fejn naraw il-famuż Grote Markt, il-Katidral impressjonanti ta' Our Lady u t-toroq ewlenin armati bid-dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied. Ħin liberu biex wieħed igawdi l-atmosfera festiva, il-Christmas Market jew jagħmel ftit xiri fil-qalba ta' din il-belt sabiħa. Nirritornaw Brussels għal ħabta tat 15:00 biex ikollna ħin biex inkomplu ngawdu din il -belt mimlija ħajja.

**Il- Ħadd 13 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu l-breakfast, se jkollna ġurnata maġika biex niskopru l-karattru tar-reġjun tal-Ardennes fil-Belġju b'eskursjoni ta' ġurnata sħiħa lejn il-bliet pittoreski ta' **Dinant** u **Namur**. Dinant, villaġġ pittoresk u sabiħ ħafna fuq ix-xmara Meuse, magħruf għall-pajsaġġi spettakolari tiegħu u l-atmosfera kwieta u rilassanti. Meta naslu nagħmlu mixja matul il-promenade max-xmara fejn wieħed jista' jammira d-djar ikkuluriti, il-knejjes storiċi u x-xenarju impressjonanti tal-madwar. F'dan iż-żmien tal-Milied, Dinant tkun armata bid-dwal u dekorazzjonijiet festivi li jagħtuha atmosfera tassew maġika. Wara, inkomplu lejn Namur, il-kapitali eleganti ta' Wallonia, fejn nimxu fit-toroq storiċi u ngawdu l-atmosfera festiva. Wara ġurnata memorabbli tluq lejn l-Ajruport ta' Brussell ghat titjira mal-KM421 li ttir fit-20:25 u naslu Malta Fil-23:20.






Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | €820 |
| Kamra ta' persuna waħda | €990 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Lyon – Malta mal-KM Malta Air
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t' iljieli – Hotel Seminaire Campanile 3 star
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

## 10 - 14 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU:** Lyon, Perouges, Annecy, Grenoble, Vienne, Avignon...

**Il- Ħamis 10 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fis-07.00 għat-titjira KM454 li ttir fid-09.20 u naslu **Lyon** f'11.40. Transfer lejn iċ-ċentru ta' Lyon u check-in fil-**Hotel Seminaire Campanile** 3 stars li qiegħda fiċ-ċentru tal-belt.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Breakfast u wara se jkollna **City Tour** biex niskopru s-sbuħija ta' din il-belt ta' **Lyon** mibnija madwar żewġ xmajjar kbar: Rhone u Saone. Inżuru l-Katidral medjevali b'arloġġ astronomiku u stained glass tas-Seklu 14, Place Bellecour, La Basilique Notre Dame De Fourviere tas-Seklu 19, Place des Terreaux, Bartholde fountain u Hotel De Ville. Wara mmorru nżuru wieħed mill-Xmas markets u ngawdu din il-belt sabiħa.

**Is-Sibt 12 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq biex inżuru l-għmiel pittoresk tal-**Alpi Franċiżi.** L-ewwel waqfa se tkun fil-villaġġ medjevali ta' **Perouges,** wara nkomplu lejn il - belt t'**Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkitettura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. Palais de l'Ile, St.Pierre Cathedral, St. Francis Church, il-kastell u l-kanali jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Hawn ma jonqosx id-dwl tal-Milied u l-famuż Christmas Market. Nirritornaw lura Lyon.

**Il-Ħadd 13 ta' Diċembru**
Wara l-breakfast llum ser immorru lejn l-għoljiet u nilħqu l-quċata tal-muntanji majestużi ta' l-**Alpi Franċiżi** fir-reġjun ta' Auvergne-Rhone biex inżuru **Grenoble**. Jispikka x-xenarju glorjuż li joffri nifs ta' arja friska u pura. Belt sabiħa madwar ix-xmara Isere. Il-mawra tagħna tibda miċ-ċentru Storiku fejn inżuru l-Katedral Notre-Dame. Inkomplu lejn Rue Sainte Clair, Rue De la Republique, Place Granette, Houses of Parliament u Quai Stephane jay fejn naraw veduta sabiħa tax-xmara Isere u l-għoljiet ta' **Mont Rachais** madwar Grenoble. Ħin liberu u wara mmorru dawra sa 'Jardin De Ville' minn fejn naqbdu it-Telepherique Grenoble Bastille fejn nitilgħu bil-cable cars magħrufa bħala (The Bubbles) minn fejn naraw xeni spettakolari tal-muntanji u ta' Grenoble u x-xmara. Hawn ukoll ma tonqoss dawra mal Xmas Markets.



**It-Tnejn 14 ta' Diċembru**
Wara l- breakfast, illum ser ikollna ġurnata mill-isbaħ fejn ser inżuru żewg postijiet interessanti, **Vienne** u **Avignon.** L-ewwel nagħmlu waqfa pjaċevoli f' Vienne, belt affaxxinanti ħdejn ix-xmara magħrufa għall-monumenti Rumani impressjonanti tagħha, il-katidral storiku, u l-atmosfera rilassata. Wara nkomplu fil-Provenza, naslu f' Avignon, atmosfera sabiħa, fejn dwal festivi u swieq staġjonali jsaħħu l-karattru tat-toroq medjevali. Ikollna ħin biex nammiraw il-Palais des Papes Magnifique, nesploraw il-belt antika u ngawdu xorb sħun f'wieħed mill-kafetteriji tradizzjonali li jħarsu lejn il-pjazzez storiċi. Kmieni filgħaxija nkomplu lejn l-Ajruport ta' Marseille għall-check-in u titjira FR7796 li ttir 22:25 u naslu lura Malta għall- ħabta ta' 00:10.



# Czech Republic & Germany
## PRAGUE & The Christmas Markets

**GRUPP A: 15 - 19 TA' DIĊEMBRU** — **5 t'ijiem**

**INŻURU:** Prague, Dresden, Karlovy Vary, Cesky Krumlov...

**It-Tlieta 15 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-14:45 għat-titjira KM538 li ttir fl-17:20 u naslu fi-Praga fit-19:50, nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Archibald city 4 stars.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru**
Breakfast. Il-belt ta' **Praga** għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** ta' **Praga** biex naraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, Kumpless kbir ta bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, **Charles Bridge eċċ.** **W**ara nofs ta'nhar min irid jista jmur ma' tour leader għal cruise (extra) madwar ix-**xmara Vlatva** min fejn naraw il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħin liberu biex ingawdu wieħed mill-**Christmas Markets** f''**Wenceslas Square'**. Filgħaxija norganizzaw (optional) **Dinner & Folklore Show** mill-isbaħ ġo lokalita tipika.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru**
Eskursjoni ta' ġurnata ser tiħodna ġewwa il-belt ta' **Dresden**-hekk imsejħa bħala Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità biex napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ħin liberu biex ingawdu l-ġmiel tal-**Christmas Market 'Striezelmarkt'.**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Nżuru wkoll il **Xmas Market fi ' Svornosti Square'** Nirritornaw lura l-hotel u jkollna l-opportunita li nkomplu nżuru christmas markets oħra ġol belt sabiħa ta' Praga.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €765 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €775 |
| Kamra ta' persuna waħda | €910 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air: Malta-Praga-Malta
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 t'iljieli - Hotel Prague Season 4 Star fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*



**Is-Sibt 19 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il-vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li nappreżżaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani.** Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Ikollna ħin biżżejjed bied ingawdu il **Christmas markets** fejn insibu ħafna xogħol tal-idejn, Ikel tradizzjonali..... Nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira mal KM539 li ttir fl 20:40 u naslu Malta 23:10.

# Christmas Markets Experience
# Budapest



## 15 - 19 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Budapest, Danube Bend, Szetendre, Visegrad, Puzsta, Godollo Palace...**

**It-Tlieta 15 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-06.00 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR2203 li titlaq fit-08:00 u twassalna **Budapest** fl-10:15. Mal-wasla tagħna, naqbdu transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru biex ikollna **city tour** bil-kowċ u gwida tal-lokal. Naraw il-bini tal-Parlament, il-pjazza ta' l-Eroj, l-Opera House, il-Palazz Irjali, ic-Citadella u l-Fisherman's Bastions minn fejn naraw veduta spettakolari. Wara nkomplu lejn il-Hotel Mercure City Centre 4* li qed eżatt fiċ-ċentru. Filghaxija għal min irid immorru fil pjazza Vörösmarty Tér biex inżuru il-Christmas Market.

**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru**
Nibdew il-ġurnata bi breakfast. L-eskursjoni tal-lum tohodna madwar il-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danube, magħrufa bħala **Danube Bend**. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'**Szentendre,** villaġġ splendidu mibni fuq stil barokk li jinsab 20km 'l bogħod minn Budapest. Inkomplu lejn **Visegrad**, fortizza li minnha tara veduta mill-isbaħ. Filghaxija, għal min irid, immorru ħdejn 'St. Stephen's Basilica' fejn hawn ingawdu Christmas market ieħor mill isbaħ. Nirritornaw lura l-Hotel.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru**
Breakfast u wara ġurnata libera, iżda min irid jista' jingħaqad mat-tour leader biex inkomplu nżuru din il-belt li tant għandha x'toffri. Inkella, tistgħu tmorru s-**Széchenyi Thermal Bath**, l-akbar wieħed f'Budapest u fost l-akbar fl-Ewropa. Hawnhekk insibu 3 pixxini ta' barra u 15-il pixxina ta' ġewwa. Wara nofsinhar ikollkom l-opportunità li tieħdu **cruise fuq ix-Xmara Danube** (extra), u min irid jista' jżur ukoll il-**West End Shopping Centre**, fejn issibu madwar 400 ħanut, bars u ristoranti. Filgħaxija norganizzaw Dinner & Folklore Show (optional).

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Illum ħarġa ta' ġurnata li teħodna fin-naħa tal-punent tal-Ungerija f'**Puszta**. Hawn naraw il-kapaċita' kbira li juru r-rikkieba meta naraw wirja spettakulari taż-żwiemel. Spettaklu li ma jintesa' qatt! Nagħmlu rikba fuq karozzin tipiku u wara nieklu ikla tajba bl-inbid (inkluża) f'ristorant tipiku. Ikollna l-opportunita li nisimgħu l-mużika taż-żingari.

**Is-Sibt 19 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn 'Il-Palazz irjali ta' **Godollo**' kunsidrat bħala Versailles tal-Ungerija (Ent.fee.extra). Jkollna ħin biżżejjed biex induru l-palazz ul-ġonna tiegħu biex wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Budapest għat-titjira FR2277 li ttir fis-17.05 u naslu lura Malta fit-19.20.



**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €870 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,040 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mar Ryanair Malta għal Budapest
- 20 Kgs Bagalja
- 4 lljieli – Mercure Hotel City Centre 4 Star+
- Buffet Breakfast kuljum
- Ikla go Puszta. **Puszta.**
- Eskursjonijiet kollha mħallsa
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*



# Croatia
## with a touch of Slovenia

**18 - 22 TA' DIĊEMBRU** — **5 t'ijiem**

**INŻURU: Zagreb, Plitvice Lakes, Trakošćan Castle, Varazdin, Samobor, Ljubljana,....**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fl'10:00 għat-titjira FR2186 li ttir fin-12:25 u naslu **Zagreb** fis-14.20. Tluq lejn iċ-ċentru ta' Zagreb u check in fil-**Hotel Dubrovink** 4 stars - li qiegħda fil-pjazza principali. Wara ħarga mal-leader biex nibdew ingawdu din il-belt imżejna għall-festi tal-Milied. Christmas Markets ma jonqsux.

**Is- Sibt 19 ta' Diċembru**
Illum għandna ġurnata biex niskopru żewġ destinazzjonijiet affaxxinanti fit-Tramuntana tal-Kroazja. Nibdew il-vjaġġ għal-Kastell romantiku **Trakošćan**, wieħed mill-aktar kastelli storici sbieħ fil-Kroazja, imdawwar b'foresti u lag pittoresk. Nżuru l-kastell minn ġewwa biex nitgħalmu dwar sekli ta' storja nobbli (dħul extra) u ngawdu mixjiet rilassant fil-ġonna tal-kastell u l-park. Wara nkomplu lejn **Varaždin**, belt barokka u eleganti ġewwa l-Kroazja, magħrufa għat-toroq ikkuluriti tagħha, palazzi storiċi, pjazez affaxxinanti, kafetteriji....Mixja madwar il-belt antika sabiħa u ppreservata, il-fortizza medjevali, u ngawdu u nżuru il-Christmas Markets, żgħar iżda affaxxinanti u awtentiċi.

**Il-Ħadd 20 ta' ta' Diċembru**
Breakfast. Illum għandna ġurnata mill-isbaħ ġewwa **Plitvice Lakes.** Hawnhekk se nkunu qed nżuru sittax -il għadira b'ilma blu qisu kristal li minnhom jinżlu għadd ta' nixxiegħat mill-aktar pittoreski. Nimxu matul il-park fejn ma' kull dawra naraw kaskati mill-aktar spettakolari (dħul extra). Bla dubju, ġurnata mimlija xenarji mill-aqwa li żgur ma ninsewha qatt! Nirritornaw lura l-lukanda.

**It-Tnejn 21 ta' Diċembru**
Illum ser inżuru Slovenia fejn l-ewwel ser immorru **Ljubljana,** il-kapitali ta' Slovenia. Ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet interssanti bħall-kastell medjevali, Old Town, Dragon Bridge u pjazez mill- isbaħ. Ħin liberu għall- ikel, shopping u ħin biex ingawdu l-Christmas Market b'ħafna souvenirs tradizzjonali. Dan meqjus li huwa wieħed mill-aktar swieq tal-Milied sbieħ fl-Ewropa Ċentrali. Nirritornaw lura Zagreb.

**It-Tlieta 22 ta' Diċembru**
Breakfast u ħin liberu. Wara nerħula lejn **Samobor** belt żgħira u pittoreska viċin Zagreb magħrufa għall-atmosfera sabiħa u tradizzjonali tagħha. Nagħmlu dawra mal-qalba tal-belt biex naraw il-pjazza prinċipali mimlija bini storiku, toroq żgħar mimlijin ħwienet u kafetteriji tipiċi u l-knejjes antiki li jagħtu karattru lil din il-belt sabiħa. Ħin liberu, ma jinqoss li nduqu l-famuża kremšnita ta' Samobor flimkien ma' prodotti oħra tradizzjonali u souvenirs lokali. Min jixtieq jista' wkoll jagħmel mixja rilassanti ħdejn ix-xmara ż-żgħira li tgħaddi miċ-ċentru tal-belt. Wara nkomplu triqitna lejn l-ajruport ta' Zagreb għat-titjira FR2185 li ttir fis-18:05 u naslu lura Malta fit-20:05.



**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €830 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €840 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,080 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €780 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira, Ryanair għal Zagreb
- 20Kgs Bagalja
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm)
- 4 lljieli - Hotel Dubrovnik 4 star fiċ-ċentru ta' Zagreb
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*




## 21 TA' DIĊEMBRU - 03 TA' JANNAR 2027

**14 days**

**INŻURU: Istanbul, Casablanca,Rabat, Fes,Merzauga,Quarzazate, Dades, Marrakech, Hot Air Balloon..**

**It-Tnejn 21 ta' Diċembru – Istanbul**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-07:00 għat-titjira TK1370, li titlaq fid-09:45 u tasal **Istanbul** fl-14:15. Mal-wasla, nittrasferixxu bil-coach lejn iċ-ċentru tal-belt, fid-distrett popolari ta' Beyoğlu (Pjazza Taksim). Nagħmlu check-in fil-**Hotel Taxim Gonen 4 star**. Wara nofsinhar, ningħaqdu mat-tour leader biex nibdew nesploraw iċ-ċentru tal-belt sabiħ u mimli ħajja.

**It-Tlieta 22 ta' Diċembru – Istanbul**
Buffet Breakfast u jkollna **'City Tour'** tal-Belt Storika ta' Istanbul fil-parti l-qadima tal-belt. Flimkien ma' gwida lokali, nesploraw wħud mill-aktar postijiet emblematiċi ta' Istanbul, billi nibdew bil-maestuża Hagia Sophia, mibnija oriġinarjament fis-seklu 6 u magħrufa għall-koppla enormi tagħha u għall-istorja straordinarja tagħha kemm bħala knisja kif ukoll bħala moskea. Il-mawra tkompli lejn il-Moskea Blu sabiħa, famuża għad-dekorazzjoni impressjonanti tagħha bil-madum blu ta' Iznik u għall-arkitettura eleganti tagħha. Imbagħad inżuru l-Ippodromu storiku ta' Kostantinopli, li darba kien iċ-ċentru soċjali u sportiv tal-Imperu Biżantin, fejn nistgħu naraw monumenti importanti bħall-Obelisk ta' Teodosju, il-Kolonna tas-Serp u l-Kolonna ta' Kostantinu. Wara ikla tradizzjonali (inkluża) f'ristorant lokali, il-mawra tkompli b'waqfa għal ritratti u żjara minn barra tal-Palazz grandjuż Topkapi, ir-residenza tas-slaten Ottomani bejn is-sekli 15 u 19, segwita minn żjara fiċ-Ċisterna tal-Bażilika, ġibjun antik taħt l-art b'atmosfera mistika. Il-jum jintemm fil-Grand Bazaar vibranti, wieħed mill-akbar u l-eqdem swieq koperti fid-dinja, b'eluf ta' ħwienet mifruxa mat-toroq kummerċjali storiċi.

**L-Erbgħa 23 ta' Diċembru – Istanbul**
Illum eskursjoni interessanti ħafna f'Istanbul. Nibdew iż-żjara tagħna fil-**Palazz Dolmabahçe,** fejn nesperjenzaw wieħed mill-isbaħ u l-aktar palazzi eleganti fil-belt. Wara jkollna cruise fuq il-Bosforu, fejn naraw il-punt uniku fejn jiltaqgħu żewġ kontinenti, l-Ewropa u l-Asja, filwaqt li ngawdu wkoll veduti tal-ilmijiet tal-madwar li jgħaqqdu l-Baħar ta' Marmara mal-Baħar l-Iswed. Wara nkomplu fis-**Suq tal-Ħwawar** ikkulurit, fejn nesperjenzaw l-irwejjaħ sinjuri u l-atmosfera vibranti ta' wieħed mis-swieq l-aktar famużi tal-belt. Filgħaxija, noffru **'Dinner Cruise'**, (optional) fejn ngawdu ikel, xorb, kant u żfin tradizzjonali .

**Il-Ħamis 24 ta' Diċembru – Casablanca**
Breakfast u tluq lejn l-Ajruport ta' Istanbul għall-check-in u t-tluq bit-titjira TK617 tal-Turkish Airlines, li titlaq fil-11:50 u tasal **Casablanca** fl-14:50. Mal-wasla, nittrasferixxu lejn iċ-ċentru tal-belt u nagħmlu check-in fil-**Hotel Kenzi Basma 4 star**. Wara l-check-in, ningħaqdu mal-tour leader għal mixja ta' orjentazzjoni fil-belt.Ċena fil-hotel.

**Il-Ġimgħa 25 ta' Diċembru**
**Casablanca (Il-Milied it-Tajjeb)**
Illum inżuru l-imponenti **Moskea Hassan II.** Naraw il-kobor u d-dettalji kumplessi ta' dan il-kapulavur arkitettoniku. Wara ż-żjara, ftit ħin biex nimxu madwar il-parti ta' barra tal-moskea u ngawdu l-veduti mill-isbaħ tal-Oċean Atlantiku. Jkollna ħin liberu għall-ikel. Wara nofsinhar, nesploraw il-kwartier sabiħ ta' Habous, magħruf ukoll bħala l-Medina l-Ġdida, fejn nistgħu nduru mal-ħwienet lokali. Nirritornaw lejn il-lukanda biex nistrieħu u nġeddu l-enerġija qabel ngawdu ikla tal-Milied.

**Is-Sibt 26 ta' Diċembru**
**Casablanca - Rabat - Fes**
Wara l-kolazzjon, nitilqu minn Casablanca u nivvjaġġaw lejn Fes, b'waqfa panoramika f'Rabat, il-kapitali eleganti tal-Marokk. Jkollna city tour biex naraw l-aktar postijiet importanti ta' Rabat, li tgħaqqad monumenti storiċi ma' seħer modern. Imbagħad inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Fes,** waħda mill-ibliet imperjali l-aktar emblematiċi tal-Marokk. Mal-wasla, nagħmlu check-in fil-**Hotel Riad Menzeh Zalagh-4 star** Ċena fil- hotel.

**Il-Ħadd 27 ta' Diċembru Fes**
Breakfast u wara "walking tour' fil-Medina storika ta' **Fes el Bali**. L-ewwel inżuru l-famuża Chouara Tannery, fejn il-fosos ikkuluriti taż-żebgħa jkunu l-aktar attivi filgħodu, u joffru ħarsa affaxxinanti lejn il-manifattura tradizzjonali tal-ġilda. Imbagħad nesploraw il-**Medersa Bou Inania** jew il-Madrasa Al-Attarine, it-tnejn eżempji eċċellenti tal-arkitettura Iżlamika. Għall-ħabta ta' nofsinhar, nieħdu ikla tradizzjonali f'ristorant ġewwa l-medina (l-ikla mhix inkluża). Wara nofsinhar, inkomplu mis-swieq mimlijin ħajja, ngħaddu minn Pjazza l-Ħaddieda tar-Ram, workshops taċ-ċeramika, u naraw minn barra l-Moskea u l-Università Al-Qarawiyyin. Aktar tard, immorru lejn l-Oqbra Merenidi biex ngawdu veduti panoramiċi tal-belt. Nirritornaw lejn il – Hotel. l-ikla ta' filgħaxija ser tkun f'ristorant lokali, segwita minn show mimli divertiment fil-**Palais la Medina.**

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
**Fes – Merzouga**
Breakfast u nibdew il-vjaġġ panoramiku tagħna minn Fes għal

**Merzouga**, il-bieb għad-Deżert tas-Saħara. Nivvjaġġaw mill-**Muntanji tal-Atlas** Nofsani, ngħaddu minn Ifrane u l-foresti taċ-ċedru ta' Azrou, fejn nistgħu naraw il-makakki tal-Barbarija. Nieqfu għall-ikel ta' nofsinhar (mhux inkluż) f'belt bħal Midelt. Imbagħad inkomplu mill-Wied ta' Ziz, bil-masġar tal-palm u l-pajsaġġi deżertiċi tiegħu. Lejn l-aħħar ta' wara nofsinhar, naslu Merzouga u nibdew trek fuq iġmla fid-deżert biex nassistu għal nżul ix-xemx spettakolari fuq id-duni. Inkomplu lejn Desert Camp Palmeras, fejn nagħmlu check-in, ngawdu ikla tradizzjonali u nirrilassaw taħt is-sema tas-Saħara.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
**Merzouga – Ouarzazate**
Wara l-kolazzjon f'Merzouga, nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-punent fid-direzzjoni ta' **Ouarzazate**, waqt li ngħaddu minn uħud mill-aktar **pajsaġġi spettakolari tad-deżert** u tal-muntanji fil-Marokk. L-ewwel ngħaddu minn Rissani, belt antika tal-kummerċ magħrufa għall-atmosfera tradizzjonali Saħarjana tagħha u bħala bieb għad-deżert. Imbagħad inkomplu minn pjanuri niexfa u pajsaġġi blatini qabel naslu fil-Gorge spettakolari ta' Todra, fejn irdumijiet għoljin tal-ġebla tal-franka jitilgħu b'mod impressjonanti fuq iż-żewġ naħat ta' xmara ċara kristallina — waqfa ideali għar-ritratti u mixja qasira. Inkomplu mill-Wied pittoresk ta' **Dades**, magħruf għat-toroq imserrpa tiegħu, il-formazzjonijiet tal-blat impressjonanti u l-oasi mimlijin siġar tal-palm. Tul it-triq, ngħaddu wkoll mill-Wied tal-Ward, magħruf għar-riħa tiegħu u partikolarment sabiħ fir-rebbiegħa meta l-għelieqi jkunu mimlijin fjuri. Hekk kif il-vjaġġ ikompli, ngħaddu minn irħula tradizzjonali **Berberi** u mill-oasi ta' Skoura mimlija palm, magħrufa għall-kasbahs antiki tagħha u l-pajsaġġi trankwilli. Naslu Ouarzazate, li spiss tissejjaħ il-"Bieb għas-Saħara" u l-kapitali tal-films tal-Marokk, lejn l-aħħar ta' wara nofsinhar. Mal-wasla, nagħmlu check-in fil-**Hotel Al Barka 4 Star**, nirrilassaw wara s-sewqan tal-ġurnata u ngawdu serata kwieta fil-ħin liberu tagħna, bl-ikla ta' filgħaxija fil-lukanda.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
**Ouarzazate – Marrakech**
Wara l-kolazzjon u nibdew vjaġġ panoramiku lejn il-**Muntanji tal-Atlas** Għoli. Matul it-triq, nieqfu fil-Pass spettakolari ta' **Tizi n'Tichka** biex nieħdu ritratti panoramiċi tal-pajsaġġ imħatteb. Inkomplu lejn ir-raħal antik u fortifikat ta' Ait Benhaddou, fejn nesploraw il-kasbah impressjonanti u nieħdu l-ikel ta' nofsinhar f'ristorant lokali (l-ikel ta' nofsinhar mhux inkluż). Wara nofsinhar, insuqu tul it-"Triq tal-Elf Kasbah" famuża lejn **Marrakech.** Malli naslu, nagħmlu check-in fil-**Hotel Zalagh Kasbah 4 Star**

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
**Marrakech**
Wara l-reakfast, niltaqgħu mal-gwida, mixja lejn il-Moskea impressjonanti ta' **Koutoubia**, fejn ngawdu s-sbuħija tal-minaret ikoniku tagħha u l-kwiet tal-ġonna ta' madwarha. Hekk kif tkompli l-għodwa, nidħlu fil-qalba ta' Marrakech u naslu fil-Pjazza vibranti ta' Jemaa el-Fnaa. Nibdew nesploraw is-swieq tradizzjonali (souks) qabel ma jsiru wisq iffullati, filwaqt li nieħdu l-ħin biex nimxu bejn sezzjonijiet differenti mimlijin ħwawar ikkuluriti, prodotti tal-ġilda maħduma bl-idejn, fanali jleqqu u artiġjanat uniku. Jkollna ħin liberu għal ikel u wara nirritornaw lejn il-lukanda biex nirrilassaw u nippreparaw ruħna għall- **Gala Dinner** ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Marrakech (Is-Sena t-Tajba)**
Breakfast u tluq lejn il-**Palazz magnífiku Bahia,** fejn naslu kmieni biex nammiraw l-arkitettura mill-isbaħ tiegħu u l-ġonna paċifiċi mingħajr il-folol. Wara, nagħmlu mixja qasira lejn l-Oqbra Saadiani fil-qrib, sit storiku ta' dfin seren u ppreservat b'mod eċċellenti. Imbagħad inkomplu ngħaddsu ruħna fil-kuluri vibranti u l-pjanti eżotiċi tal-Ġnien Majorelle. Ftit ħin liberu għall-ikel qabel ma ninżlu fil-**Pjazza vivaċi** ta' Jemaa el-Fnaa, fejn nesploraw is-suq mimli ħajja, ngawdu l-atmosfera.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
**Marrakech - Istanbul**
Kmieni filgħodu, (optional) Nirkbu il' **"Hot air Balloon"** f'Marrakech, esperjenza mill-isbaħ biex naraw it--tlugħ ix-xemx u nammraw is-sema vibranti u l-Muntanji maestużi tal-Atlas fuq il-pajsaġġ tad-deżert.
Wara nirritornaw għall-breakfast u ħin liberu. Nagħmlu check-out f'nofsinhar u transfer lejn l-Ajruport ta' Marrakech.

Validu sal-5 ta' Settembru

**Price includes:**
**Half board* - All Excursions - Entrance fees & Airport Tax**

| | Discounted Price |
|---|---|
| Triple room | € 2,150 |
| Double room | € 2,170 |
| Single room | € 2,420 |

- Mandatory tipping in total of €40 per person for local guides & drivers

**Prezz jinkludi:**
- Flights with TURKISH AIRLINES
- Malta – Casablanca / Marrakech – Malta via Istanbul
- All Transfers and excursions as per program
- 4 - Star Hotels in: Istanbul - Casablanca - Fez – Merzouga – Ouarzarate - Marrakech.
- Daily Buffet Breakfast
- Half board* as per program
- Diner Show in Fes at Palais Medina
- NYE Dinner
- Entrances to Bahia Palace - Medrassa Attarine - Volubilis - les Oudayas
- Camel ride
- Airport tax
- Local guides during all excursions
- Experienced Tour Leader
- Insolvency Protection

*Unforgettable holidays!*

Nitilgħu fuq it-titjira TK620 ta' Turkish Airlines, li titlaq fl-16:15 u tasal Istanbul fit-23:30.

**Il-Ħadd 03 ta' Jannar**
**Istanbul - Malta**
Nitilqu lura lejn Malta bit-titjira TK1369 li titlaq fit-08:00 u tasal Malta fit-08:50.



# Highlights of Germany
## With a touch of Holland



**26 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027** **8 t'ijiem**

**INŻURU: Cologne, Roermond, Maastricht, Koningswinter, Bonn, Phantasialand...**

**Is-Sibt 26 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fin-12.30 għat-titjira KM532 lejn Düsseldorf li titlaq fl-14.55 u naslu fis-17.55. Wara transfer bil-coach lejn il-belt sabiħa ta' Cologne. Mall-wasla tagħna fin-**Dorint Hotel Köln** 4 star, issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

**Il-Ħadd 27 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Maastricht** ġewwa l-Olanda. Maastricht hi waħda mill-aktar bliet popolari mat-turisti. F'dawra madwar il-belt inkunu nistgħu naraw Stokstraat Quarter, Basilica of Our Lady u The Ramparts. Wara nżuru Valkenburg aan de Geul, fejn nieqfu għal sightseeing. Hawn insibu għadd ta' ħwienet, bars u restaurants. Ma jonqosx li nżuru l-Christmas Market ġo Vrijthof Square. Nirritornaw lura l-lukanda.

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna walking **city tour** bi gwida tal-lokal fejn naraw postijiet ta' interess bħall-famuż katidral ta' Cologne, the 4711 House, Historic Rathaus, Gürzenich, Old Town District, Roncalliplatz eċċ. Ħin liberu għall-personal sightseeing. Jew min irid jista' jmur shopping fit-triq famuża ta' Schildergasse u Hohe Straße fejn ikun hemm atmosfera mill-aqwa. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Breakfast u llum ġurnata libera, iżda għal min irid se norganizzaw (extra) ġurnata ġewwa Phantasialand, post ta' divertiment kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu għadd ta' rides, roller coasters, kif ukoll għadd ta' shows. Nirritornaw lura l-hotel.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Illum noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' Bonn fejn naraw postijiet ta' interess bħal Market Square, Town Hall u Minster Church li hu landmark tal-belt. Il-famuż kompożitur Ludwig van Beethoven twieled fil-belt ta' Bonn. Wara jkollna ħin liberu għal personal sightseeing. Nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn l-Olanda għall-**villaġġ ta' Roermond.** L-ewwel nieqfu fir-**Roermond Designer Outlet** fejn insibu 'l fuq minn 200 ħanut ta' ditti popolari. Wara mmorru lejn l-Old Town li hija żona protetta. Nagħmlu dawra mat-toroq sbieħ tal-villaġġ u jkollna ħin liberu. Nirritornaw lura Cologne. Filgħaxija, għal min irid, se niċċelebraw tmiem l-aħħar tas-sena (optional) b'River Cruise fuq ix-xmara Rhine b'ikel, mużika live, żfin u divertiment. Lejla maġika fejn intemmu sena u nilqgħu s-sena l-ġdida f'atmosfera ta' allegrija.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | on request |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,380 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,860 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | on request |
| New Year's Eve Rhine cruise & buffet dinner | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Dusseldorf- Malta mal-KM Malta Air
- 20kgs bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm
- 7 lljieli – Dorint Hotel Koln 4 star
- Continental Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*



**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Breakfast u wara eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna **Königswinter**, villaġġ pittoresk. Nirkbu l-akbar railway antika tal-1883 li twassalna fuq l-għolja Drachenfels. Hawn naraw xenarju mill-isbaħ tax-xmara Rhein u l-kastell Drachenburg tas-seklu 19. Dan huwa kastell mill-aktar interessanti u naraw ukoll il-fdalijiet tal-kastell medjevali.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Breakfast u eskursjoni biex inżuru l-belt sabiħa ta' **Düsseldorf**. Nżuru l-highlights ta' din il-belt bħal Burgplatz, Schlossturm u l-Old Town fejn hawn insibu aktar minn 260 bar, restaurants, cafés u birreriji. Ħin liberu. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Düsseldorf għat-titjira lura Malta mal-KM353 li titlaq fis-18.45 u naslu lura fil-21.30.



# France, Germany & Switzerland
## The Black Forest & Europa Theme Park

**27 TA' DIĊEMBRU - 03 TA' JANNAR 2027** **8 t'ijiem**

**INŻURU: Mulhouse, Strasbourg, Riquewihr, Colmar, Lucerne, Titisee, St Peter's, Triberg....**

**Il-Ħadd 27 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-ajruport ta' Malta fin-12.30 għall-flight KM490 li jitlaq fis-14.25. Naslu Zurich fil-16.50. Transfer lejn Mulhouse ġewwa Franza, li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji Vosges u x-xmara Rhine. Mall-wasla tagħna ġewwa Mulhouse nibqgħu sejrin lejn il-Hotel Bristol 3 star+ li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Sistemazzjoni tal-kmamar. Għal dawk li ħadu s-suppliment tal-half board, l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna fil-qalba tal-Bernese Oberland ġewwa l-Isvizzera fejn se nżuru Interlaken u **Grindelwald**. Nitilqu bil-kowċ lejn l-Isvizzera fejn il-vjaġġ tal-lum hu mimli xenarju mill-aqwa, għalhekk lestu l-video cameras. Mall-wasla tagħna ġewwa Grindelwald naqbdu l-cable car (extra) biex nitilgħu fuq il-**muntanja Männlichen,** minn fejn ingawdu xenarju mill-aqwa tal-muntanji. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Interlaken** fejn nagħmlu dawra mal-leader u mill-Höhematte naraw panorama sabiħa tal-Jungfrau u l-Eiger Mountains. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Il-ħarġa tal-lum teħodna fil-belt sabiħa ta' **Lucerne** ġewwa l-Isvizzera, il-belt kapitali tal-canton li jġib l-istess isem. Fost l-oħrajn naraw il-famuż Wooden Bridge li hu landmark tal-belt, u l-knisja tal-Ġiżwiti fuq stil barokk. Inkomplu lejn l-Old Town bit-toroq pittoreski tiegħu. Naraw it-Town Hall u l-Lion Monument. Ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast. Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn se nżuru Strasbourg u Riquewihr ġewwa Franza. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Strasbourg**, belt tant eleganti u ta' importanza kbira. Flimkien naraw Petite France, l-Old Quarters, il-Palais de l'Europe, il-European Parliament, l'Orangerie u l-famuż katidral. Ikollna ħin liberu. Tluq lejn il-villaġġ medjevali ta' Riquewihr, b'arkitettura ppriservata ferm tajjeb, fejn iż-żmien donnu waqaf. In-nies ta' dan il-post jgħixu ħajja trankwilla u l-industrija ewlenija tagħhom hija l-inbid. Flimkien nagħmlu mixja fit-toroq dojoq li huma magħmulin miċ-ċagħaq, toroq fejn ma jgħaddux karozzi u fejn naraw ħwienet żgħar ħelwin, cafés, fran, ristoranti. Nirritornaw lura l-hotel. Wara ċ-ċena mmorru għal drink.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Inżuru l-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' Alsace. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra fejn tapprezzaw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi, kif ukoll il-kwartieri mimlijin kanali li jissejjaħ Little Venice. Naraw ukoll id-dar ta' Bartholdi li ddisinja l-Statue of Liberty ta' New York. Nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu għax-shopping. Filgħaxija nattendu għal ikla ta' San Silvestru (optional) biex flimkien insellmu s-sena 2026 mimlija memorji u niċċelebraw il-bidu tas-sena 2027 f'atmosfera mill-isbaħ ta' mużika u żfin.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Skopri magħna l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa l-Ġermanja. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn St. Peter's fejn nieqfu għal sightseeing. Wara nibqgħu sejrin lejn Triberg li hu riżort muntanjuż fejn jinħadmu l-Cuckoo Clocks u l-Music Boxes, kollu xogħol tal-idejn min-nies tal-lokal. Wara jkollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa Titisee, post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu mdawwar bil-lag. X'hemm isbaħ minn passiġġata madwar il-lag jew xi biċċa Black Forest Cake tajba! Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Breakfast, u wara ġurnata libera biex tgawdu din il-belt f'atmosfera festiva, Min irid jista jżur l'**Automobile Museum** (ent fee extra) mużew mill-aktar interessanti u shopping miż-żona pedonali fejn issibu stabbilimenti bħal C&A, Primark...... Iżda għal min irid ser norganizzaw ġurnata (transfer u biljett tad-dħul extra ) ta' divertiment ġewwa l-**Europa Theme Park**. Hawn insibu dak kollu li wieħed jixtieq jara f'dinja ta' ħolm u ta' avventuri bħal roller coasters, canoeing, ghost trains u ħafna aktar attrazzjonijiet li żgur iġegħluk tqatta' ġurnata stupenda. hotel.

**Il-Ħadd 03 ta' Jannar**
Nitilqu bil-kowċ lejn Neuhausen biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' Zurich b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu ċ-check-in għall-flight KM491 li jitlaq fis-17.40 u naslu lura Malta fid-19.40.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet, city tax u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €985 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €995 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,225 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €880 |
| Half Board | €150 |
| Kids Meal (1 Main + Dessert) | €75 |
| NYE Dinner | €110 |
| NYE Dinner (Tfal 11 –il sena) | €90 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Zurich - Malta mal-KM Malta Air
- 20 kgs bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm
- 7 lljieli - Hotel Bristol 3 star+ fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

# Winter Wonderland

## Bavarian Alps with a touch of Austria



**27 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027** — **7 t'ijiem**

**INŻURU: Munich, Neuschwanstein Castle, Augsburg, Salzburg, Zugspitze, Rosenheim**

**Il-Ħadd 27 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fis-07:00 għal check-in għat-titjira KM306 li titlaq fis-07:15 u tasal **Munich** fid-09:45. Transfer bil-kowċ lejn l-**Olympic Village** fejn naraw l-Istadju Olimpiku u nkunu nistgħu nitilgħu bil-lift (extra) biex naraw veduti uniċi. Nkomplu lejn Munich u nagħmlu check-in fil-lukanda 'Munich City' 4 Stars, li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Wara nagħmlu mixja ta' familjarizzazzjoni madwar iċ-ċentru storiku ta' Munich biex nieħdu l-ewwel impressjoni tal-atmosfera maġika tal-Milied bid-dwal u l-pjazez armati.

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn niskopru l-ġmiel ta' **Neuschwanstein Castle**, il-kastell ta' Re Ludwig li hu mibni fi stil neo-romanesk u li hu ta' fama mondjali. Immorru wkoll fuq Marian Bridge minn fejn nistgħu nieħdu ritratti tal-kastell. Inżuru wkoll '**Hohenschwangau Castle'** u jkollna l-opportunità li nidħlu u ngawdu l-ġmiel li joffri dan il-kastell (entratura extra). Wara nżuru l-villaġġ ta' **Füssen**, riżort popolari għall-btajjel u spa, li nsibuh ukoll fil-foothills tal-Alpi. Hawn nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Breakfast u llum ser ikollna eskursjoni ta' nofs ta' nhar lejn il-belt sabiħa ta' **Augsburg**. Jkollna dawra mal-belt biex naraw il-landmarks ta' din il-belt bħal St.Peter am Perlach, Zeughaus u Fuggerhaus. Wara jkollna ħin liberu fiċ-ċentru tal-belt fejn issibu ħafna ħwienet, cafés u restaurants. Wara nirritornaw Munich biex ikollkom ċans tgawdu din il-belt.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Eskursjoni mimlija storja, fejn flimkien inżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd, din il-belt mhux biss hija storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw il-Katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d-dar ta' Mozart. Immorru anke fil-Capital Square minn fejn nistgħu nieħdu l-funikular (ħlas extra) għall-fortizza ta' Hohensalzburg. Wara jkollna ħin liberu biex tgawdu din il-belt sabiħa fejn ikun hemm atmosfera festiva u Christmas Markets.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Breakfast u jkollna ġurnata libera biex tkomplu taraw din il-belt sabiħa u tgawdu l-atmosfera festiva li jkun hemm. Filgħaxija tistgħu tmorru sal-pjazza prinċipali fejn ikun hemm għadd ta' attivitajiet biex tibdew is-sena l-ġdida jew, għal min irid, (extra) ser norganizzaw serata mill-isbaħ b'ikel, xorb, kant, żfin u allegrija! – Staqsi għal aktar informazzjoni.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Breakfast u ġurnata oħra biex ingawdu l-ġmiel tal-Alpi Bavarjani fejn illum se mmorru fuq il-**muntanja Zugspitze**, l-ogħla waħda fil-Ġermanja (9,788 pied). Minn Eibsee naqbdu l-cable car (extra) li jwassalna fil-quċċata tal-muntanja, minn fejn inkunu nistgħu ngawdu xenarju mill-aktar spettakolari tal-Alpi Bavarjani. Nirritornaw lura l-lukanda.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Breakfast u tluq lejn il-belt sabiħa ta' **Rosenheim**, belt fil-Bavaria, il-Ġermanja. Mal-wasla tagħna f'din il-belt ikollna dawra maċ-ċentru tal-belt biex naraw l-aktar postijiet ta' interess bħal Max Josef Platz, Kirche St Nikolaus, Ludwigplatz u The Cathedral. Wara jkollna ħin liberu għal personal sightseeing. Transfer lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM309 li titlaq fit-20:00 u tasal lura Malta fit-22:20.Prezz kull persuna.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €980 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €990 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,280 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €880 |
| NYE Dinner | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Munich– Malta mal-KM Malta Air
- 20 kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm
- 6 iljieli Hotel Munich City 4 star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

# Italy & France
# Valle D'Aosta



## 28 TA' DIĊEMBRU - 03 TA' JANNAR 2027

**7 t'ijiem**

**INŻURU: Chamonix, Aiguille Di Midi, Courmayeur, Torino, Aosta, Cervinia, Gran Paradiso ....**

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,300 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,400 |
| Kamra ta' persuna waħda | €2,000 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €1,200 |
| New Years Eve Dinner & Show | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Milan
- 20Kgs Bagaja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 lljieli- Hotel Omama Socia 4 Star fiċ-ċentru ta' Aosta
- Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*



**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10:30 għall-flight KM624 li titlaq fis-12:25 lejn Milan, fejn naslu fl-ajruport ta' Linate fis-14:25. Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Valle d'Aosta** fost xenarju ta' muntanji u widien mill-isbaħ ġewwa l-Italja. Akkomodazzjoni: **Hotel Omama Social 4 Stars** fiċ-ċentru ta' Aosta wara s-sistemazzjoni tal-kmamar.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u skopri magħna l-belt pittoreska ta' **Aosta,** Ruma tal-Alpi, belt mogħnija b'monumenti, knejjes kif ukoll il-famuża Piazza Chanoux. Flimkien niskopru l-postijiet storiċi. Nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn il-**Fortizza ta' Bard, fortizza** mill-aktar impressjonanti li tmur lura sas-seklu 11. Illum hi ċentru kulturali tal-Alpi tal-Punent fejn insibu wkoll il-Mużew tal-Alpi (entrance fee extra). Issa nżuru l-fabbrika tal-grappa fejn ikollna grappa tasting. Nirritornaw lura l-hotel.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Torino,** il-kapitali tal-Piemonte. Ikollna city tour fejn naraw il-Palazz Irjali, Palazzo Madama, il-Katidral, il-Mole Antonelliana li hija l-ogħla bini f'din il-belt, Piazza San Carlo, Via Roma, Piazza Castello, Palazzo Carignano, il-Katidral fejn hu miżmum il-Liżar ta' Kristu u ħin liberu. Wara nibqgħu sejrin lejn il-Basilica di Superga, opra tal-kbir Juvarra.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Excursion mill-aktar interessanti fejn se nżuru r-resort magħruf ta' **Cervinia** mdawwar b'xeni ta' glaċieri tal-ġenn. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post biex ingawdu dan ix-xenarju mill-aqwa. Nirritornaw lura l-hotel kmieni wara nofsinhar u ħin liberu biex nippreparaw għal serata mill-isbaħ li żgur ma tintesiex: ***New Year's Eve Celebrations A La Grande*** (optional). Serata ta' ikel, mużika u żfin biex niċċelebraw il-bidu tas-sena l-ġdida.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
**Chamonix ski resort** pittoresk fl-Alpi Franċiżi. Nagħmlu dawra mat-toroq tipiċi mimlijin boutiques u bini mill-isbaħ. Min irid jista' jitla' fuq il-muntanja Aiguille du Midi f'għoli ta' 3,842m (ħlas extra). Gawdi xi ikla tipika u tazza nbid tajjeb qabel nitilqu lejn ir-resort Taljan ta' Courmayeur. Nagħmlu dawra bil-mixi fuq Via Roma b'waqfa fil-kafè storiku *Caffè della Posta*.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Breakfast u noffru eskursjoni għal **Gran Paradiso National Park,** li kien il-bosk tal-kaċċa tas-Savoia. Fost xenarju li jsaħħrek insibu l-villaġġ pittoresk ta' Cogne. Nagħmlu dawra bil-mixi biex niskopru l-ġmiel ta' dan il-post. Fi triqitna lura nagħmlu waqfa qasira ħdejn il-Kastell ta' Fénis għal ritratti. Nirritornaw lura l-hotel.

**Il-Ħadd 03 ta' Jannar**
Wara l-breakfast nagħmlu transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Milan għall-flight KM625 li jitlaq fil-15:15 u naslu lura Malta fis-17:10.




**28 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027** **6 t'ijiem**

**INŻURU:** Vienna, Prater, Melk, Krems, Seegrotte, Heiligenkreuz, Mayerling, Vienna Woods, Bratislava...

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Niltaghu l-ajruport ta' Malta fit-06:45 għat-titjira KM 514 li ttir fil-09:25 u naslu Vienna fit-11:45 Wara transfer bil-coach lejn il-belt ta' **Vienna** il-belt tal-valzi u l-kapitali ta' l-Awstrija. Nifqu ħdejn il-**Palazz ta' Schonbrunn** biex naraw il ġonna u l-famuż Christmas market. Ħin liberu u nkomplu lejn il għaċ-check-in fil-**Hotel Ananas 4-Stars.** Aktar tard għal min irid jinghaqad mat tour leader biex tibdew tiskopru din il- belt meraviljuża.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed impressjonanti madwar **Vienna Woods**. Nitilqu bil-kowċ lejn il-wied ta' **Helental** u mmorru **Mayerling** fejn naraw il-hunting lodge, illum kappella, tal-Prinċep Rudolph, l-uniku tifel tal-Imperatur Franz Joseph. Jingħad li hawnhekk il-prinċep u l-Barunessa Vetsera għamlu suwiċidju fl-1889. Imbagħad immorru **Heiligenkreuz** fejn naraw monasteru Ċisterjan tat-tnax-il seklu. Wara ngħaddu minn ħdejn Höldrichsmühle u naslu s-**Seegrotte** (dħul extra). Fis-Seegrotte, li xi darba kienet minjiera tal-gypsum, tistgħu tagħmlu boat trip fuq l-akbar lag taħt l-art fl-Ewropa. Mhux ta' min jitlifha ! Filgħaxija mmorru għal drink.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Breakfast u s- **city tour ma' gwida tal-lokal** biex niskopru l-ġmiel ta' ħafna postijiet storiċi bħal Belvedere Palace, Rathaus, il-Parlament, il-bini maestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen's Cathedral. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu biex tkunu tistgħu tkomplu tgawdu din il-belt sabiħa. Min irid jista' jżur **Hofburg Palace** - palazz imperjali fiċ-ċentru tal-belt jew jagħmel xi ftit shopping mit-toroq sbieħ ta' Mariahilfer Straße u Kärntner Straße. Filgħaxija mmorru l-famuż **Prater** (transport extra) – fejn tistgħu titilgħu l-Giant Ferris Wheel (ħlas extra) biex tgawdu l-veduta ta' din il-belt mixgħula.

**Il-Ħamis 31 ta'Diċembru**
Illum se mmorru ġol-belt kapitali ta' **Slovakia - Bratislava**. Flimkien niskopru din il-belt fuq ix-**xmara Danube.** Nibdew billi nżuru l-kastell li jiddomina lill-belt u ngawdu minn panorama spettakolari. Wara mmorru fiċ-ċentru storiku mimli bini maestuż bħal Main Square, Michael's Gate, St. Martin's Cathedral u Primate's Palace. Ħin liberu għax-xiri jew sightseeing. Wara nirritornaw Vienna biex inlestu għal filgħaxija biex inqattgħ serata mill isbaħ flimkien li ser tkun organizzata mil- Hotel (Optional).

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Buffet breakfast u wara eskursjoni mill-iżjed interessanti ta' ġurnata għal **Wachau Valley** fejn se naraw għadd ta' villaġġi żgħar storiċi u tradizzjonali. Mhux hekk biss. Naraw ukoll kastelli u xenarji fantastiċi ta' muntanji żgħar u x-xmara Danube. Inżuru **Krems** li għandu storja ta' iżjed minn 1000 sena, **Melk** bil-famuż monasteru **Benedittin** mibni fuq stil Barokk (Ent.extra).

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
**Breakfast u** Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Vienna għat-titjira KM515 li titlaq f' 11:45 u tasal lura Malta fin-12:35.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,090 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,120 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,490 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €990 |
| Suppliment Half Board (3 ikliet) | €95 |
| New Years Eve Dinner | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Vjenna
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm
- (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 5 iljieli - Hotel Ananas Vienna 4 star
- Breakfast Buffet kontinentali
- Taxxi tal ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*



# Bella Toscana



## 28 TA' DIĊEMBRU - 03 TA' JANNAR 2027

**7 t'ijiem**

**INŻURU: Montecatini, Siena, San Gimignano, Firenze, Orvieto, Pisa, Rapallo, St Margerita Di Liguria u Portofino**

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-04:00 għall-flight tal-KM Malta Air għal **Ruma** li titlaq fis-07:15 u naslu fis-07:45. Nitilqu bil-kowċ lejn Montecatini Terme, akkomodazzjoni ġol **Hotel Plaza lukanda 4 stars** fiċ-ċentru. Ħarġa mal-leader u ċena fil-hotel.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna **Portofino** fil-Liguria. L-ewwel waqfa tagħna tkun **St. Margherita** di Liguria fejn flimkien nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku tal-belt. Naraw il-bażilika barokka tas-seklu 17, kif ukoll il-kastell. Nagħmlu dawra mal-leader madwar il-promenade imżejjen b'Al Fresco bars u restaurants. Issa jmiss li naqbdu l-boat (extra) li twassalna Portofino, wieħed mill-ġojjelli mal-kosta Taljana. Nagħmlu mixja matul il-port fejn naraw yachts mill-isbaħ, ħwienet żgħar u tant ħelwin. Fuq l-għolja naraw Castello Brown u l-knisja ddedikata lil San Martin. Ikollna ħin liberu u min irid jista' jitla' fuq l-għolja. Nerġgħu naqbdu l-boat fejn vjaġġ ta' 30 minuta jwassalna **Rapallo** bil-promenade sabiħ tiegħu mimli siġar tal-palm, fejn naraw veduta sabiħa tal-bajja mdawra bil-bini ikkulurit u l-kastell ta' Rapallo.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Flimkien niskopru l-ġmiel tal-belt ta' **Firenze**. Hawnhekk naraw il-famuż Duomo fejn min irid jista' jitla' sal-quċċata tal-koppla biex jara veduta sabiħa ta' Firenze. Naraw il-Battistero u l-kampnar famuż disinjat minn Giotto, il-Katidral, Ponte Vecchio u Piazza Signoria. Ma jonqosx li jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Breakfast u ħin liberu biex tgawdu Montecatini u l-atmosfera festiva. Aktar tard min irid jista' jmur mat-tour leader biex iżur **Montecatini Alto** (cable car extra) li jinsab fuq żewġ għoljiet fejn fuq naħa nsibu Rocca di Castello Vecchio, Church of St. Peter (il-knisja oriġinali ta' Montecatini) u Tower Campanaria. Fuq in-naħa opposta nsibu Torre dell'Orologio u l-knisja tal-Karmelitani mibnija fuq stil Barokk. Naraw xenarju mill-isbaħ, kif ukoll il-pjazza prinċipali b'għadd ta' restaurants li jservu ikel tradizzjonali, bars għal ftit inbid tajjeb u cafés. Wara nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija fil-hotel ser ikollna ikla speċjali għall-okkażjoni u live music li tinkludi wkoll ilma, inbid u xampanja. Serata ta' divertiment u allegrija għall-bidu ta' sena ġdida.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Wara l-breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn inżuru **Pisa** L-ewwel waqfa tkun fil-belt ta' Pisa, nagħmlu dawra mal-leader fejn naraw il-famuż torri, Piazza dei Miracoli, il-Katidral u l-Battistero fil-Campo Santo. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. Wara nkomplu lejn **Montecarlo** magħruf għall-inbid tajjeb u ż-żejt taż-żebbuġa. Hawn nieqfu għal "Tuscan Tasting Lunch" li jikkonsisti f'inbid tar-reġjun, Tuscan cold cuts... (mhux inkluż). Ċena fil-hotel.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Nistiednukom tgawdu magħna l-bliet magħrufa ta' **Siena** u **San Gimignano**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn Siena fejn naraw il-famuż Katidral, il-pjazza u l-majestuż Palazzo Comunale. Nkomplu lejn San Gimignano, post li jsaħħrek bil-kultura u n-natura li joffri. Hawn naraw id-Duomo, Palazzo del Popolo u t-Town Hall. Ikollna ħin liberu u wara nirritornaw Montecatini.

**Il-Ħadd 03 ta' Jannar**
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn **Lucca**, belt eleganti u raffinata. Hawn naraw postijiet ta' interess bħall-Katidral ta' San Martin u Piazza Anfiteatro. Ħin liberu u wara tluq lejn l-ajruport ta' Ruma sabiex nagħmlu check-in għall-flight li titlaq fit-22:25 u naslu lura Malta fis-00:55.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet, Taxxi, Half Board u NYE Dinner)**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,260 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,260 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,410 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €1,150 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air
- 20 Kg Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 Iljieli - Hotel Plaza 4 star fiċ-ċentru
- Buffet Continental Breakfast
- Ċena (5 ikliet)
- New Year's Eve Dinner
- Taxxi tal ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

# Poland, Krakow



## 28 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027

**6 t'ijiem**

**INŻURU: Auschwitz, Salt Mine, Wadowice, Krakow, Zakopane, Czestechova...**

**It-Tnejn 28 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-ajruport fl-04.00 għat-titjira FR7114 li titlaq fis-06.00 u naslu **Krakow** fit-08.40. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna Krakow city tour biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nsibu ġewwa din il-belt. Wara, flimkien mat-tour leader, inżuru l-famuż **Christmas Market** li hawn jibqa' miftuħ sal-1 ta' Jannar. Nibqgħu sejrin lejn il-lukanda Wyspiański 3 stars li qed fiċ-ċentru.

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast, nibdew il-vjaġġ tagħna ta' **Częstochowa** – wieħed mill-akbar ċentri ta' pellegrinaġġi Marjani. Matul is-sena jmorru mal-5 miljun pellegrin u turist jaraw din ix-xbieha għażiża tal-Madonna s-Sewda, fis-Santwarju ta' Jasna Góra. Dan il-post hu wieħed mill-aktar monumenti importanti għall-Pollakki. Inżuru wkoll il-monasteru u l-knisja barokka. Nirritornaw lura Krakow.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru s-**Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, u nkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja **Kalwaria Zebrzydowska**, li huwa sit tal-UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, villaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Fost l-iżjed postijiet ta' interess, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. (Entraturi extra).

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Eskursjoni ta' nofs ta' nhar mill-iżjed interessanti għal **Auschwitz-Birkenau**, fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament ta' Auschwitz-Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Olokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom (entrance extra). Nirritornaw lura Krakow u ħin liberu biex tkomplu tgawdu din il-belt sabiħa. Filgħaxija, għal min irid, ser norganizzaw (extra) NYE Dinner Party bil-live music, jew inkella tista' tiċċelebra tmiem l-aħħar tas-sena fil-pjazza prinċipali.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar 2026**
**Is-Sena t-Tajba**
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane** u t-**Tatra Mountains**, kif ukoll il-famuż Christmas Market. Dawn il-muntanji jestendu mal-fruntieri bejn il-Polonja u s-Slovakkja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-iskiing, fejn sajf u xitwa jkun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupówki – triq mimlija cafés, ristoranti, boutiques u karozzelli biż-żwiemel kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post u nżuru mużew żgħir tal-arti. Min jixtieq jista' jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Wara nżuru l-famuż Christmas Market fejn ikun hemm atmosfera festiva. Nirritornaw lura Krakow.

**Il-Ġimgħa 02 ta' Jannar**
Breakfast u tluq biex inżuru l-famużi **Wieliczka Salt Mines** (entrance extra), magħrufa wkoll bħala the Underground Salt Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn insibu diversi skulturi tal-melħ u kurituri twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Wara transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7115 li titlaq fl-20.25 u naslu Malta fil-23.05.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u taxxi mħallsha)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €890 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €920 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,100 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €830 |
| NYE Dinner | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Prezz jinkludi
- Titjira Ryanair, Malta-Krakow-Malta
- 20kgs luggage
- 5 iljieli fil Hotel Wyspjanski Fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast
- Eskursjonijiet skond il-programm
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

# Czech Republic
# PRAGUE



## 29 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Prague, Karlovy Vary, Cesky Krumlov**

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u taxxi mħallsha)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €900 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €910 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,160 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €790 |
| NYE Dinner & Show | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air : Malta-Praga-Malta
- 20 kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t'iljieli - Hotel Archibald – 4 star
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-14:45 għat-titjira KM538 li titlaq fis-17:20 u naslu Praga fid-19:50. Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Archibald City – 4 star.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov**, li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Inżuru wkoll il-Xmas Market fi "Svornosti Square". Nirritornaw lura l-hotel u jkollna l-opportunità li nkomplu nżuru Christmas Markets oħra ġol-belt sabiħa ta' Praga.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour ta' Praga biex** naraw parti minn din il-belt bħal Prague Castle, kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-Kastell ta' St.Vitus, il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz Irjali. Inkomplu billi nżuru l-knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, Charles Bridge eċċ. Wara jkollkom ħin liberu biex tkomplu tesploraw din il-belt meraviljuża mżejna għall-festi tal-Milied. Filgħaxija ser norganizzaw serata mill-isbaħ (mhux inkluża) b'ikel, xorb, kant, żfin u allegrija! Jew tista' tiċċelebra tmiem is-sena fil-pjazza prinċipali.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Illum ġurnata "relaxed"! Breakfast. Tard filgħodu min irid jista' jingħaqad mat-tour leader biex inżuru l-**Botanical Gardens** u ż-**Żoo** (transport u entratura mhux inklużi), li huma attrazzjoni fil-belt ta' Praga. Naraw Polar Bears, Red Pandas, tigri... Wara nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu. Illum il-Xmas Markets fl-Old Town, **Wenceslas Square** u Na Kampě Square ikunu miftuħin sat-22:00.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il-vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunità li napprezzaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-Knisja ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun Karlovy Vary u ma dduqx il-famużi wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali tal-mineral springs. Ħin liberu u wara nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira tal-KM Malta Air KM539 li titlaq fl-20:40 u naslu Malta fl-22:10.




## 29 TA' DIĊEMBRU - 03 TA' JANNAR 2027

**6 t'ijiem**

**INŻURU:** **Hagia Sofia, Blue Mosque, Topkapi Palace, Underground Cistern, Uludag Skii Centre' Dolimabahce Palace, Bosphorus Cruise, Grand Bazaar, Spice Market, Camlica Hill...**

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet, Entraturi u taxxi nklużi)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,120 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,140 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,430 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €950 |
| NYE Dinner | €125 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mat-Turkish Airlines għal Istanbul
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi fejn imsemmi + Bosphorus cruise
- 5 iljieli - Hotel Taxim Gonen 4 Star – Fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast
- Taxxi
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-07:40 għall-flight TK1370 li titlaq fid-09:45 u naslu **Istanbul** fl-14:15. Transfer bil-kowċ lejn il-**Hotel Taxim Gonen 4 Star** li jinsab fid-distrett l-aktar popolari ta' Beyoğlu, ħdejn Taksim Square. Sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ħarġa mal-leader biex tibdew tgawdu ċ-ċentru sabiħ u mimli ħajja.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u noffrulkom **Istanbul Historical City Tour**, eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn flimkien mal-gwida lokali nżuru l-parti l-qadima ta' Istanbul. Nidħlu naraw Hagia Sophia (ent. inkluża), li nbniet fis-seklu 16 mill-arkitett Mehmet u hija magħrufa wkoll bħala l-Blue Mosque (ent. inkluża) minħabba d-dekorazzjoni ta' tiles blu li għandha. Naraw il-Hippodrome u t-tliet monumenti tiegħu: Obelisk of Theodosius, The Bronze Serpentine Column u l-Column of Constantine. Waqfa għall-lunch (mħallas). Wara ħin għar-ritratti mat-Topkapi Palace, il-palazz il-kbir tas-Slaten Ottomani tas-sekli 15 sa 19. Inżuru wkoll il-Underground Cistern (ent. inkluża). L-aħħar żjara tagħna tkun il-Grand Bazaar. Nirritornaw lura lejn il-hotel.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Wara buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti. Nibdew bid-**Dolmabahçe Palace** (ent. inkluża) — bla dubju wieħed mill-isbaħ palazzi f'Istanbul. Wara jkollna **Bosphorus Cruise** (imħallas) fejn naraw iż-żewġ kontinenti: l-Ewropa u l-Asja. Naraw ukoll il-Baħar Marmara li jingħaqad mal-Baħar l-Iswed. L-aħħar waqfa tkun fil-famuż Spice Market.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Buffet breakfast u wara eskursjoni biex inżuru n-naħa Ażjatika, **Camlica Hill** u **Camlica Tower** (inkluż il-biljett sal-Observation Tower), fejn minn hawn inkunu nistgħu naraw veduta sabiħa ta' Istanbul. Naraw ukoll il-Camlica Mosque, li hija l-akbar moskea fit-Turkija. Nirritornaw lura l-hotel biex inkomplu ngawdu d-distrett ta' Beyoğlu b'ħafna ħwienet sbieħ u restaurants. Filgħaxija, għal min irid, ser norganizzaw Gala Dinner biex niċċelebraw l-aħħar tas-sena u l-bidu tas-sena l-ġdida mill-aqwa.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Breakfast. Illum ġurnata libera iżda għal min irid ser norganizzaw (optional) ġurnat għal belt romantika ta' **Bursa**. Flimkien mal-gwida lokali nżuru l-aktar postijiet interessanti u wara jkollna lunch (imħallas). Inkomplu billi naqbdu l-cable car (imħallas) lejn il-muntanja Uludağ Ski Centre, fejn ikollna ħin liberu biex ngawdu s-silġ u l-veduta. Nirritornaw lura Istanbul.

**Il-Ħadd 03 ta' Jannar**
Breakfast u ħin liberu għal personal sightseeing u shopping. Fis-14:00 transfer lejn l-Ajruport ta' Istanbul għat-titjira TK1371 li titlaq fis-18:15 u naslu Malta fit-18:50 (ħin lokali).

